

7.9.2023

A9-0238/ 001-156

## **EMENDI 001-156**

mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

### **Rapport**

**Milan Bruggez**

**A9-0238/2023**

Sustanzi li jniġġsu l-ilma tal-wiċċu u l-ilma ta' taħt l-art

Proposta għal direttiva (COM(2022)0540 – C9-0361/2022 – 2022/0344(COD))

---

### **Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa -1 (ġidida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(-1) L-ilma mhuwiex prodott kummerċjali bħal kwalunkwe prodott ieħor iżda pjuttost ben komuni u wirt, li jeħtieġ li jiġi protett, u ttrattat bħala tali, sabiex jiġi żgurat li l-ekosistemi jiġu ppreservati u li jkun hemm aċċess universali għal ilma nadif.*

### **Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa -1a (ġidida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(-1a) L-Assemblea ġeneral tan-Nazzjonijiet Uniti rrikonoxxiet fit-28 ta' Lulju 2010 id-dritt għal ilma tax-xorb sigur u nadif u s-sanità bħala dritt tal-bniedem li huwa essenzjali għat-tgawdija*

---

PE748.901/ 1

**MT**

*sħiħa tal-ħajja u tad-drittijiet kollha tal-bniedem. Wara s-suċċess tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej tal-2014 intitolata “Right2Water”, fl-2018 il-Kummissjoni adottat proposta għar-revīżjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb u d-Direttiva emdata korrispondenti daħlet fis-seħħ fit-12 ta’ Jannar 2021. Dik id-Direttiva tistabbilixxi obbligu għall-Istati Membri biex itejbu l-aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem filwaqt li jiddependu, fost l-oħrajn, fuq l-għarfien miksub u l-azzjonijiet imwettqa skont id-Direttiva 2000/60/KE. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll l-effettività tad-dritt għall-ilma nadif u ssanità billi jtejbu l-kwalità kemm tal-ilma tal-wiċċ kif ukoll tal-ilma ta’ taħt l-art.*

### Emenda 3

#### Proposta għal direttiva

##### Premessa 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) It-tnejġġis kimiku tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta’ taħt l-art joħloq theddida għall-ambjent akkwatiku, b’effetti bħal tossiċitā akuta u kronika f’organiżmi akkwatieri, akkumulazzjoni ta’ sustanzi niġġiesa fl-ekosistema u telf tal-ħabitats u tal-bijodiversità, kif ukoll theddida għas-sahħha tal-bniedem. L-iffissar ta’ standards ta’ kwalità ambjentali jgħin sabiex tiġi implementata l-ambizzjoni ta’ tniġġis żero għal ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi.

##### *Emenda*

(1) It-tnejġġis kimiku tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta’ taħt l-art joħloq theddida għall-ambjent akkwatiku, b’effetti bħal tossiċitā akuta u kronika f’organiżmi akkwatieri, akkumulazzjoni ta’ sustanzi niġġiesa fl-ekosistema u telf tal-ħabitats u tal-bijodiversità, kif ukoll theddida għas-sahħha tal-bniedem. L-iffissar ta’ standards ta’ kwalità ambjentali jgħin sabiex tiġi implementata l-ambizzjoni ta’ tniġġis żero għal ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi, **bħala waħda mill-miri ta’ priorità tat-tmien Programm ta’ Azzjoni Ambjentali<sup>1a</sup>.**

---

<sup>1a</sup> *Id-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ April 2022 dwar Programm Ġenerali ta’ Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030.*

#### **Emenda 4**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 1a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1a) Skont l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, madwar 90 % tal-erja tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art hija rrappurtata li hija fi stat kwantitattiv tajjeb, madwar 75 % tal-erja tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art tinsab fi stat kimiku tajjeb, 40 % tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ huma fi stat ekoloġiku tajjeb jew tajjeb ħafna, u 38 % tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ jinsabu fi stat kimiku tajjeb, filwaqt li r-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tal-4 ta' Diċembru 2019 intitolat “The European environment – state and outlook 2020: Knowledge for transition to a sustainable Europe” (L-ambjent Ewropew – l-istat u l-prospetti tal-2020: għarfien għat-tranżizzjoni lejn Ewropa sostenibbli) sab li t-tnaqqis fit-tniġġis tejjeb il-kwalità tal-ilma, iżda li l-Unjoni kienet ferm 'il-bogħod milli tikseb status ekoloġiku tajjeb għall-korpi tal-ilma kollha sal-2020.*

#### **Emenda 5**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 1b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1b) Il-Kontroll tal-IDoneità tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tal-2019 (“il-Kontroll tal-idoneità”) ikkonkluda fl-evalwazzjoni tiegħu li ċ-ċiklu li jmiss ta’ programmi ta’ miżuri sejkollu rwol ewlieni fl-iżgurar tal-progress meħtieġ sabiex jinkisbu l-objettivi ambjentali tad-Direttiva 2000/60/KE sal-iskadenza tal-2027, u ddikjara li bħalissa aktar minn nofs il-korpi tal-ilma Ewropej kollha huma eżentati skont id-Direttiva 2000/60/KE, u*

*dan jagħmel l-isfidi għall-Istati Membri biex jiksbu l-istandardi tal-kwalità ambjentali għal sustanzi ta' priorità sal-iskadenza stabbilita, aktar minn sostanzjali. Barra minn hekk, il-Kontroll tal-IDoneità kkonkluda li l-objettivi ambjentali għadhom ma ntlaħqu biss-sħiħ fil-parti l-kbira minħabba finanzjament insuffiċjenti, implementazzjoni bil-mod u integrazzjoni insuffiċjenti tal-objettivi ambjentali f'politiki settorjali, u mhux minħabba xi nuqqas fil-leġiżlazzjoni.*

## **Emenda 6**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Premessa 1c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1c) Minħabba fatturi ġeografiċi u soċċoekonomiċi, xi popolazzjonijiet, inklużi popli indiġeni, huma aktar vulnerabbli għat-tniġgix tal-ilma. Is-settur tal-minjieri fl-Unjoni Ewropea huwa mistenni li jikber biex jiżgura l-iżvilupp tal-industrija b'emissjonijiet żero netti. Kif iddikjarat fir-rapport 09/2021 tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent<sup>1a</sup>, is-settur tal-minjieri għandu impatt dirett fuq il-kwalità u l-kwantità tal-ilma. Jeħtieġ li, għalhekk, jiġu implementati aħjar l-oqfsa leġiż-lattivi eżistenti u li jiġu ppjanati u kkontrollati l-użu u l-iskariki fl-operazzjonijiet tal-minjieri wkoll.*

---

<sup>1a</sup> Drivers of and pressures arising from selected key water management challenges : A European overview (L-ixprunaturi ta' ċerti sfidi ewlenin tal-ġestjoni tal-ilma u l-pressjonijiet tagħhom: Ħarsa ġenerali Ewropea), rapport 09/2021, EEA.

## Emenda 7

### Proposta għal direttiva Premessa 1d (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1d) Ħafna territorji fl-Unjoni huma soġġetti għal restrizzjonijiet tal-ilma kbar u li qed jiżdiedu. In-nixfiet kbar u persistenti ta' dawn l-aħħar snin, speċjalment fir-reġjuni tal-Mediterran, qed ipoġġu f'riskju l-produzzjoni agrikola u qed jikkawżaw tnaqqis serju fir-riżervi tal-ilma tal-wiċċi u tal-ilma ta' taħt l-art<sup>1a</sup>.*

---

*1a*

*<https://www.oecd.org/agriculture/topics/water-and-agriculture/>*

## Emenda 8

### Proposta għal direttiva Premessa 1e (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1e) L-ilma huwa ben pubbliku għall-benefiċċju ta' kulħadd, li, bħala riżorsa naturali essenzjali insostitwibbli u indispensabbi għall-ħajja, irid jiġi meqjus bir-reqqa fid-dawl tad-dimensjonijiet soċċjali, ekonomiċi u ambjentali tiegħu. Kemm it-tibdil fil-klima, inkluża ż-żieda fil-frekwenza ta' dīzastri naturali u avvenimenti estremi tat-temp, kif ukoll id-degradazzjoni tal-bijodiversità, jaffettwaw b'mod negattiv il-kwalità u l-kwantità tal-ilma, u dan iwassal għal pressjoni fuq setturi li jiddependu mid-disponibbiltà tal-ilma, b'mod partikolari l-agrikoltura.*

## Emenda 9

**Proposta għal direttiva  
Premessa 1f (ġdida)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1f) Filwaqt li fir-Rapport tagħha tal-2018 dwar “European waters – assessment of status and pressures” (L-ilmiċiet Ewropej – valutazzjoni tal-istatus u tal-pressjonijiet), l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) identifikat ċerti prattiki agrikoli bħala ostakli għall-kisba ta’ status kimiku tajjeb tal-ilma ta’ taħt l-art fl-Unjoni, li jwasslu għal tniġgix min-nitrati u mill-pestiċċidi, u ġie osservat tnaqqis kostanti fl-użu ta’ fertilizzanti minerali u f'eċċessi ta’ nutrijenti fl-UE matul l-aħħar deċennji<sup>1a</sup>. Sorsi sinifikanti oħra ta’ tniġgix huma l-iskariki li mħumiex konnessi ma’ sistema tad-drena għġġid, siti kkontaminati jew siti industrijali abbandunati.*

---

*1a*

*<https://www.eea.europa.eu/publications/state-of-water>*

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 1g (ġdida)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1g) L-istatus tajjeb tal-korpi tal-ilma u l-ġestjoni effiċċienti tar-riżorsi tal-ilma jirrappreżentaw prioritāt għall-agrikoltura, peress li l-bdiewa jiddependu fuq l-ilma biex iwettqu l-attività tagħhom, u għalhekk, għandhom interess vestit fl-użu sostenibbli ta’ din ir-riżorsa.*

## Emenda 11

### Proposta għal direttiva Premessa 1h (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1h) Sabiex tiġi ffaċilitata tranżizzjoni lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u produttiv li jkun reżistenti għal-limitazzjonijiet tal-ilma, jenħtieġ li jiġu introdotti incēntivi għall-bdiewa biex itejbu l-ġestjoni tal-ilma u l-modernizzazzjoni tas-sistemi u t-tekniki tat-tisqija.*

## Emenda 12

### Proposta għal direttiva Premessa 1i (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1i) L-użu tal-pestiċidi jista' jaġfettwa b'mod sever il-kwalità u l-kwantità tal-ilma disponibbli għall-użu agrikolu, u dan iwassal għal impatti negattivi kemm fuq il-bijodiversità akkwatika kif ukoll fuq dik terrestri. Għalhekk huwa xieraq li jiġu mmonitorjati l-impatt u d-destin ekotossikoloġiku tal-pestiċidi u l-metaboliti tagħhom fil-korpi tal-ilma.*

## Emenda 13

### Proposta għal direttiva Premessa 1j (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1j) Huwa essenzjali li jiġu kkunsidrati l-isforzi li saru s'issa f'setturi bħall-agrikoltura, fejn digħi kien possibbli li titnaqqas il-kontaminazzjoni fitosanitarja*

*b'14 % meta mqabbla mal-2015-2017 u b'26 % jekk inħarsu lejn l-aktar sustanzi niġġiesa dannużi. Iċ-ċifri, għalhekk, juru tnaqqis kontinwu fl-użu u fir-riskju tas-sustanzi kimiċi, fejn l-2020 kienet it-tieni sena konsekuttiva li fiha kien hemm tnaqqis sinifikanti fl-użu tal-pestiċidi, speċjalment dawk l-aktar perikolużi<sup>1a</sup>.*

---

*1a*

*[https://food.ec.europa.eu/plants/pesticides/sustainable-use-pesticides/farm-fork-targets-progress/eu-trends\\_en](https://food.ec.europa.eu/plants/pesticides/sustainable-use-pesticides/farm-fork-targets-progress/eu-trends_en)*

## Emenda 14

### Proposta għal direttiva Premessa 1k (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1k) It-tniġġis kimiku tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art joħloq ukoll theddida għall-agrikoltura peress li jillimita d-disponibbiltà tal-ilma adattat għat-tisqija tal-għelegg, u jkompli jaggrava l-iskarsezza tal-ilma. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jżidu l-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni biex jimplimentaw b'mod rapidu soluzzjonijiet biex jindirizzaw l-iskarsezza u t-tniġġis tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art, inklużi d-diġitalizzazzjoni, l-agrikoltura ta' preċiżjoni, it-tisqija ottimizzata u l-modernizzazzjoni tat-tisqija u l-użu ċirkolari tar-riżorsi, għal-ġestjoni mtejba tal-ilma reżiljeni għat-tibdil fil-klima u applikazzjoni aktar immirata tal-pestiċidi u l-fertilizzanti għall-għelegg, alternattivi li jniġġsu anqas u aktar sikuri għall-inputs agrikoli, varjetajiet aktar reżistenti u effiċjenti fin-nutrijenti u użu akbar tal-ilma mormi trattat għat-tisqija agrikola. Dan jenħtieġ li jikkontribwixxi*

*għall-kisba ta' sistema tal-ikel tal-Unjoni sostenibbli u reżiljenti filwaqt li jnaqqas it-tniġġis diffuż mill-agrikoltura u l-ħtieġa ta' astrazzjoni agrikola.*

## Emenda 15

### Proposta għal direttiva Premessa 2a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(2a) Fit-tfittxija ta' livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u fl-implementazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Zero, l-Unjoni jenħtieġ li tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet fir-reġjuni differenti tal-UE, l-impatt fuq is-sigurta tal-ikel, il-produzzjoni tal-ikel u l-aċċessibbiltà tal-prezzijiet tal-ikel, kif ukoll dieti tajbin għas-sahħha u sostenibbli.*

## Emenda 16

### Proposta għal direttiva Premessa 3a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3a) L-objettivi li jinkiseb “status tajjeb tal-korpi tal-ilma” u li tiġi żgurata disponibbiltà tal-ilma huma trasversali u spiss ma jiġux segwiti b'mod koerenti biżżejjed. Il-ġestjoni tajba tal-ilma jenħtieġ li tiġi integrata fil-politiki kollha tal-Unjoni li jikkonċernaw setturi li jużaw l-ilma.*

## Emenda 17

### Proposta għal direttiva Premessa 3b (ġdida)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3b) Il-Kontroll tal-Idoneità indika li kienet meħtieġa integrazzjoni aħjar tal-objettivi tal-ilma fil-politika agrikola. Il-PAK il-ġdida introduċiet miżuri li jagħmlu l-ġestjoni tal-ilma aktar sostenibbli. Għal koerenza msahħha bejn il-politika tal-agrikoltura u dik tal-ilma, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet disponibbli fil-PAK il-ġdida u jintegraw bis-sħiħ il-kwistjoniċċi tal-ilma fil-pjanijiet strateġiċi tagħhom, inkluż l-użu ta' Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS), u jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' servizzi ta' konsulenza li jippromwovu l-aħjar prattiki fir-rigward tal-ġestjoni tal-ilma.*

## **Emenda 18**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Premessa 4**

*Test propos mill-Kummissjoni*

(4) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>45</sup> tistabbilixxi qafas għall-protezzjoni tal-ilmijiet tal-wiċċi interni, tal-ilmijiet ta' tranżizzjoni, tal-ilmijiet kostali u tal-ilma ta' taħt l-art. Dak il-qafas jinvolvi l-identifikazzjoni ta' sustanzi prioritarji fost dawk li joħolqu riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku fil-livell tal-Unjoni jew permezz tiegħu. Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>46</sup> tistabbilixxi standards ta' kwalità ambjentali (EQS) għall-Unjoni kollha għall-45 sustanza prioritarja elenkti fl-Anness X tad-Direttiva 2000/60/KE u tmien sustanzi niġġiesa oħrajn li kienu digħà regolati fil-livell tal-Unjoni qabel ma ġie introdott l-Anness X bid-Deċiżjoni Nru

*Emenda*

(4) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>45</sup> tistabbilixxi qafas għall-protezzjoni tal-ilmijiet tal-wiċċi interni, tal-ilmijiet ta' tranżizzjoni, tal-ilmijiet kostali u tal-ilma ta' taħt l-art. Dak il-qafas jinvolvi l-identifikazzjoni ta' sustanzi prioritarji fost dawk li joħolqu riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku fil-livell tal-Unjoni jew permezz tiegħu. Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>46</sup> tistabbilixxi standards ta' kwalità ambjentali (EQS) għall-Unjoni kollha għall-45 sustanza prioritarja elenkti fl-Anness X tad-Direttiva 2000/60/KE u tmien sustanzi niġġiesa oħrajn li kienu digħà regolati fil-livell tal-Unjoni qabel ma ġie introdott l-Anness X bid-Deċiżjoni Nru

2455/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>47</sup>. Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>48</sup> tistabbilixxi standards ta' kwalità tal-ilma ta' taħt l-art għall-Unjoni kollha għann-nitrat u għas-sustanzi attivi fil-pestiċidi u kriterji għall-istabbiliment ta' valuri ta' limitu nazzjonali għal sustanzi oħrajn li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art. Hija tistabbilixxi wkoll lista minima ta' 12-il sustanza niġgħiesa u l-indikaturi tagħhom li għalihom l-Istati Membri huma meħtieġa **jikkunsidraw li** jistabbilixxu tali valuri ta' limitu nazzjonali. L-istandard tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art huma stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE.

<sup>45</sup> Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

<sup>46</sup> Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).

<sup>47</sup> Id-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2001 li tistabbilixxi l-lista ta' sustanzi prioritarji fil-qasam tal-politika tal-ilma u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE (ĠU L 331, 15.12.2001, p. 1).

<sup>48</sup> Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni

2455/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>47</sup>. Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>48</sup> tistabbilixxi standards ta' kwalità tal-ilma ta' taħt l-art għall-Unjoni kollha għann-nitrat u għas-sustanzi attivi fil-pestiċidi u kriterji għall-istabbiliment ta' valuri ta' limitu nazzjonali għal sustanzi oħrajn li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art. Hija tistabbilixxi wkoll lista minima ta' 12-il sustanza niġgħiesa u l-indikaturi tagħhom li għalihom l-Istati Membri huma meħtieġa jistabbilixxu tali valuri ta' limitu nazzjonali. L-istandard tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art huma stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE.

<sup>45</sup> Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

<sup>46</sup> Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).

<sup>47</sup> Id-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2001 li tistabbilixxi l-lista ta' sustanzi prioritarji fil-qasam tal-politika tal-ilma u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE (ĠU L 331, 15.12.2001, p. 1).

<sup>48</sup> Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni

tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19).

tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19).

### *Ġustifikazzjoni*

*L-Anness II, il-Parti B fih sustanzi tossiċi ħafna magħrufa sew bħal, fost l-oħrajn, il-kadmj, iċ-ċomb u l-merkurju. L-Istati Membri ma għandhomx jikkunsidraw biss li jistabbilixxu valuri ta' limitu għal sustanzi bħal dawn, iżda fil-fatt jagħmlu dan.*

## **Emenda 19** **Proposta għal direttiva** **Premessa 4a (ġdida)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4a) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li t-tniġġis permezz tal-iskariki, l-emissjoni jew it-telf ta' sustanzi prioritarji perikolużi jieqaf jew jiġi eliminat gradwalment f'perjodu ta' żmien xieraq u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn 20 sena wara li sustanza prioritarja partikolari tiġi elenkata bħala perikoluża fil-Parti A, l-Anness I, tad-Direttiva 2008/105/KE. Jenħtieġ li dak il-perjodu ta' żmien jaapplika mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' skedi ta' żmien aktar stretti fi kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbi oħra tal-Unjoni.*

## **Emenda 20** **Proposta għal direttiva** **Premessa 5**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(5) Is-sustanzi huma kkunsidrati għall-elenkar fl-Anness X tad-Direttiva 2000/60/KE jew fl-Anness I jew fl-Anness II tad-Direttiva 2006/118/KE abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju li joħolqu għall-bnedmin u għall-ambjent akkwatiku. Il-komponenti ewlenin ta' dik il-valutazzjoni

(5) Is-sustanzi huma kkunsidrati għall-elenkar fl-Anness X tad-Direttiva 2000/60/KE jew fl-Anness I jew fl-Anness II tad-Direttiva 2006/118/KE abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju li joħolqu għall-bnedmin u għall-ambjent akkwatiku. Il-komponenti ewlenin ta' dik il-valutazzjoni

huma l-għarfien tal-konċentrazzjonijiet ambientali tas-sustanzi, inkluża l-informazzjoni miġbura mill-monitoraġġ tal-lista ta' sorveljanza, u tat-tossikoloġija (ekoloġika) tas-sustanzi, kif ukoll tal-persistenza, il-bijoakkumulazzjoni, il-karċinoġeniċità, il-mutaġeniċità, it-tossiċità riproduttiva u l-potenzjal ta' tfixkil endokrinali tagħhom.

huma l-għarfien tal-konċentrazzjonijiet ambientali tas-sustanzi, inkluża l-informazzjoni miġbura mill-monitoraġġ tal-lista ta' sorveljanza, u tat-tossikoloġija (ekoloġika) tas-sustanzi, kif ukoll tal-persistenza, il-bijoakkumulazzjoni, **it-tossiċità, il-mobilità**, il-karċinoġeniċità, il-mutaġeniċità, it-tossiċità riproduttiva u l-potenzjal ta' tfixkil endokrinali tagħhom.

## Emenda 21

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 7

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Hija meħtieġa kombinazzjoni ta' miżuri ta' kontroll tas-sors u punt tar-rimi sabiex jiġu trattati b'mod effettiv il-biċċa l-kbira tas-sustanzi niġġiesa tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, inklużi, kif rilevanti, id-disinn kimiku, l-awtorizzazzjoni jew l-approvazzjoni, il-kontroll tal-emissjonijiet waqt il-manifattura u l-użu jew proċessi oħrajn, u l-maniġġ tal-iskart. Għalhekk, l-istabbiliment ta' standards tal-kwalità ġodda jew aktar stretti fil-korpi tal-ilma jikkomplementa u huwa koerenti ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li tindirizza jew li **tista'** tindirizza l-problema tat-tniġġis f'wieħed jew aktar minn dawk l-istadji, inklużi r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>49</sup>, ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>50</sup>, ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>51</sup>, ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>52</sup>, id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>53</sup>, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>54</sup>, id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>55</sup> u d-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE<sup>56</sup>.

##### *Emenda*

(7) Hija meħtieġa kombinazzjoni ta' miżuri ta' kontroll tas-sors u punt tar-rimi sabiex jiġu trattati b'mod effettiv il-biċċa l-kbira tas-sustanzi niġġiesa tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, inklużi, kif rilevanti, id-disinn kimiku, l-awtorizzazzjoni jew l-approvazzjoni, il-kontroll tal-emissjonijiet waqt il-manifattura u l-użu jew proċessi oħrajn, u l-maniġġ tal-iskart. Għalhekk, l-istabbiliment ta' standards tal-kwalità ġodda jew aktar stretti fil-korpi tal-ilma jikkomplementa u huwa koerenti ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li tindirizza jew li **jenħtieġ li** tindirizza l-problema tat-tniġġis f'wieħed jew aktar minn dawk l-istadji, inklużi r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>49</sup>, ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>50</sup>, ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>51</sup>, ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>52</sup>, id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>53</sup>, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>54</sup>, id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>55</sup> u d-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE<sup>56</sup>. **Sabiex**

*l-Istati Membri jilħqu l-objettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE bl-aħjar mod u bl-aktar mod kosteffikaċi possibbli, huma jenħtieġ li jiżguraw, meta jistabbilixxu l-programmi ta' miżuri tagħhom, li l-miżuri ta' kontroll tas-sors jingħataw prijoritā fuq il-miżuri fil-punt tar-rimi u li dawk il-miżuri jkunu f'konformità mal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni dwar it-tnejġġis. Fejn hemm riskju li l-miżuri ta' kontroll tas-sors jonqsu milli jiksbu stat tajjeb tal-korpi tal-ilma, jenħtieġ li jiġu applikati miżuri fil-punt tar-rimi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa gwida dwar l-aħjar prattiki għall-miżuri ta' kontroll tas-sors u l-komplementaritā tal-miżuri fil-punt tar-rimi.*

---

<sup>49</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

<sup>50</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

<sup>51</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

<sup>52</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva

---

<sup>49</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

<sup>50</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

<sup>51</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

<sup>52</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva

2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43).

<sup>53</sup> Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

<sup>54</sup> Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas ġħal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).

<sup>55</sup> Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

<sup>56</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43).

<sup>53</sup> Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

<sup>54</sup> Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas ġħal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).

<sup>55</sup> Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

<sup>56</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

## Emenda 22 Proposta għal direttiva Premessa 7a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(7a) It-tniġġis tal-ilma huwa principally ir-riżultat ta' attivitajiet industrijali u agrikoli, l-iskariki tad-drenaġġ, u l-ilma tax-xeba' urban, inkluż l-ilma tal-maltempati. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu priorità fl-azzjonijiet tagħhom lil miżuri li jnaqqus t-tniġġis mis-sors, kif ukoll lill-infurzar tagħhom. Għal dan l-għan, jenħtieġ li tiġi żgurata l-koerenza bejn il-partijiet kollha tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali li jindirizzaw l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fis-sors sabiex it-tniġġis*

*jitnaqqas għal livelli li ma għadhomx meqjusa ta' ħsara għas-sahħha u għall-ekosistemi naturali.*

**Emenda 23**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 7b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(7b) Sabiex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni maħsuba għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art tkun aġġornata fir-rigward tal-pass mgħaġġel li bih qed jevolvu sustanzi kimiċi ġoddha u emerġenti li għandhom il-potenzjal, bħala sustanzi niġġiesa, li jikkawżaw riskji sinifikanti għas-sahħha tal-bniedem u għall-ambjent akkwatiku, jenħtieġ li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' politika li jidentifikaw u jivvalutaw tali sustanzi ta' tħassib emerġenti. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jitfassal approċċ li jippermetti l-monitoraġġ u l-analiżi ta' numri addizzjonali ta' tali sustanzi jew gruppi ta' sustanzi taħt il-listi ta' sorveljanza għall-ilma tal-wiċċ u l-ilma ta' taħt l-art. Is-sustanzi jew il-grupp ta' sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza jenħtieġ li jintgħaż lu minn fost dawk is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċċenti. L-ġhadd ta' tali sustanzi jew gruppi ta' sustanzi li għandhom jiġu mmonitorjati u analizzati taħt il-listi ta' sorveljanza għall-ilma tal-wiċċ u l-ilma ta' taħt l-art jenħtieġ li ma jkunx limitat.*

**Emenda 24**  
**Proposta għal direttiva**

## Premessa 8

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) L-għarfien xjentifiku l-ġdid jindika riskju sinifikanti minn bosta sustanzi niġġiesa oħrajn li jinstabu fil-korpi tal-ilma, minbarra dawk diġà regolati. Fl-ilma ta' taħt l-art, ġiet identifikata problema partikolari permezz ta' monitoraġġ volontarju għas-sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati (PFAS) u għall-farmaċewtiċi. Il-PFAS instabu f'aktar minn 70 % tal-punti ta' kejl tal-ilma ta' taħt l-art fl-Unjoni u l-limiti nazzjonali eżistenti jinqabżu b'mod ċar f'numru konsiderevoli ta' postijiet, u s-sustanzi farmaċewtiċi jinstabu wkoll b'mod wiesa'. Fl-ilmijiet tal-wiċċ, l-aċċidu perfluworoottansulfoniku u d-derivattivi tiegħi digħi huma elenkti bħala sustanzi prioritarji, iżda PFAS oħrajn issa huma rikonoxxuti wkoll li joħolqu riskju. Il-monitoraġġ tal-lista ta' sorveljanza skont l-Artikolu 8b tad-Direttiva 2008/105/KE kkonferma riskju fl-ilmijiet tal-wiċċ minn numru ta' sustanzi farmaċewtiċi li għalhekk jenħtieġ li jiżdied mal-lista ta' sustanzi prioritarji.

### *Emenda*

(8) L-għarfien xjentifiku l-ġdid jindika riskju sinifikanti minn bosta sustanzi niġġiesa oħrajn li jinstabu fil-korpi tal-ilma, minbarra dawk diġà regolati. Fl-ilma ta' taħt l-art, ġiet identifikata problema partikolari permezz ta' monitoraġġ volontarju għas-sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati (PFAS) u għall-farmaċewtiċi. Il-PFAS instabu f'aktar minn 70 % tal-punti ta' kejl tal-ilma ta' taħt l-art fl-Unjoni u l-limiti nazzjonali eżistenti jinqabżu b'mod ċar f'numru konsiderevoli ta' postijiet, u s-sustanzi farmaċewtiċi jinstabu wkoll b'mod wiesa'. **Jenħtieġ għalhekk li mal-lista ta' sustanzi niġġiesa tal-ilma ta' taħt l-art jiżdied subsett ta' PFAS speċifiċi kif ukoll ta' PFAS totali.** Fl-ilmijiet tal-wiċċ, l-aċċidu perfluworoottansulfoniku u d-derivattivi tiegħi digħi huma elenkti bħala sustanzi prioritarji, iżda PFAS oħrajn issa huma rikonoxxuti wkoll li joħolqu riskju. **Jenħtieġ għalhekk li mal-lista ta' sustanzi prioritarji jiżdied subsett ta' PFAS speċifiċi kif ukoll ta' PFAS totali. Sabiex jiġu żgurati approċċ armonizzat u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex temenda l-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE billi tistabbilixxi standard ta' kwalità għat-total tal-PFAS.** Il-monitoraġġ tal-lista ta' sorveljanza skont l-Artikolu 8b tad-Direttiva 2008/105/KE kkonferma **wkoll** riskju fl-ilmijiet tal-wiċċ minn numru ta' sustanzi farmaċewtiċi li għalhekk jenħtieġ li jiżdied mal-lista ta' sustanzi prioritarji.

## Emenda 25

**Proposta għal direttiva  
Premessa 8a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(8a) *Il-glifosat huwa l-erbiċida użata l-aktar ta' spiss fl-Unjoni għall-użu agrikolu. Bħala sustanza attiva, il-glifosat qajjem tħassib serju f'termini tal-impatt tiegħi fuq is-saħħa tal-bniedem u t-tossicietà akkwatika. F'Diċembru 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħti estensjoni temporanja tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-glifosat għal sena oħra, sakemm l-Awtorită Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel terġa' tivvaluta s-sustanza attiva mistennija f'Lulju 2023.*  
*Madankollu, diversi studji xjentifiċi reċenti<sup>1a</sup> jissuġġerixxu li standard ta' kwalità ambjentali (EQS) aktar baxx minn 0,1 µg/L għall-korpi tal-ilma tal-wiċċi kollha jenħtieġ li jiġi kkunsidrat abbażi tat-tossicietà akkwatika tal-glifosat, l-aċċidu amminometilfosfoniku (AMPA) u l-erbiċidi bbażati fuq il-glifosat. Meta jitqiesu l-valutazzjonijiet li għaddejjin mir-regolaturi kompetenti tal-Unjoni u sejbiet xjentifiċi tal-istudji rilevanti dwar l-impatti tal-glifosat fuq il-ħajja akkwatika, u bl-għan li jiġi żgurat l-istatus kimiku tajjeb tal-maġġoranza tal-ilmijiet tal-Unjoni, abbażi tal-prinċipju ta' prekawzjoni, jenħtieġ li jiġi adottat AA-EQS komuni u unifikat għall-ilmijiet tal-wiċċi interni u, b'mod separat, għal-ilmijiet tal-wiċċi oħra, fir-rigward tal-glifosat.*

---

<sup>1a</sup> *Transcriptomic signalling in zebrafish embryos exposed to environmental concentrations of glyphosate, 2022.*  
*Effects of low-concentration glyphosate and aminomethyl phosphonic acid on zebrafish embryo development, 2021.*  
*Global transcriptomic profiling demonstrates induction of oxidative stress*

*and compensatory cellular stress  
responses in brown trout exposed to  
glyphosate and Roundup, 2018.*

**Emenda 26**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 8 b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(8b) *L-atrażina hija erbiċida użata għall-ħaxix ħażin annwali bil-weraq wiesgħin u l-ħaxix annwali fiċ-ċereali. L-użu tal-atrażina fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ma għadux awtorizzat fl-Unjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/248/KE<sup>1a</sup>. Ġie ppruvat li l-atrażina hija sustanza kimika li tfixkel is-sistema endokrinali, b'evidenza li tintferixxi mar-riproduzzjoni u mal-iżvilupp, u tista' tkun kawża tal-kanċer. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, li vvalutat il-pestiċidi skont l-effett jew il-limiti ta' kwalità bejn l-2013 u l-2020, sabet li ġew identifikati eċċessi ta' pestiċidju wieħed jew aktar ta' bejn 4 % u 11 % tas-siti ta' monitoraġġ tal-ilma ta' taħt l-art, prinċiparjament eċċessi ta' atrażina u tal-metaboliti tagħha. Meta titqies il-preżenza persistenti tagħha fl-ilmijiet tal-wiċċe u ta' taħt l-art tal-Unjoni u sabiex jiġi żgurat li l-valuri ta' limitu għall-atrażina ma jaqbżux l-EQS tal-pestiċidi u tal-metaboliti totali, jenħtieġ li jiġi aġġustat il-valur ta' limitu għall-atrażina fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE, anke f'konformità mal-valur limitu għall-istess sustanza stabbilit fid-Direttiva (UE) 2020/2184<sup>1b</sup>.*

---

<sup>1a</sup> *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2004 biex l-atrażina ma titniżżejjix fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u biex l-awtorizzazzjonijiet*

*għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom ikun hemm din is-sustanza attiva jiġu rtirati, ĠU L 78, 16/03/2004 P 0053-0055.*

*<sup>1b</sup> Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (rifor��azzjoni).*

**Emenda 27**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 8c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(8c) Skont l-SCHEER<sup>1a</sup> u l-EMA<sup>1b</sup>, l-istandard ġeneriku ta' kwalità ta' 0,1 µg/L u 0,5 µg/L għall-ilma ta' taħt l-art, issuġġerit għall-peściċidi individwali u għat-total tal-peściċidi kollha rispettivament, kif spċifikat fid-Direttiva 2006/118/KE, ġie stabbilit fis-snin 80, abbażi tas-sensittività kimika analitika disponibbli f'dak iż-żmien. Il-valur prestabbilit ta' 0,1 µg/L għall-peściċidi individwali mhuwiex ippruvat li huwa protettiv biżżejjed għas-sahħha tal-bniedem u għall-ekosistema tal-ilma ta' taħt l-art, u xi drabi huwa oħħla b'mod siniftanti meta mqabbel mal-valuri ta' limitu għal ħafna peściċidi u fungiċċidi fil-lista ta' sustanzi prioritarji fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE. Filwaqt li tqis ukoll l-opinjoni tal-SCHEER li l-ebda valur ta' limitu tal-ilma ta' taħt l-art ma jenħtieġ li jkun oħħla mill-EQS għall-ilma tal-wiċċ, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina l-valuri ta' limitu għall-peściċidi individwali u t-total tal-peściċidi kollha fl-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE billi tapplika metodi analitiċi moderni u tqabbilhom fir-rigward tal-aħjar għarfien tossikoloġiku disponibbli. Sakemm isir dan ir-rieżami, u*

*f'konformità mal-approċċ prekawzjonarju espress mill-fornituri tal-ilma tax-xorb fil-Memorandum Ewropew tal-Ilma ta' Taħt l-Art<sup>1c</sup>, jenħtieġ li jiġu stabbiliti valuri ta' limitu interim abbażi tal-aħjar għarfien xjentifiku disponibbli.*

---

*<sup>1a</sup> SCHEER. Contribution to ENV consultation: Comments on the Commission's proposal for amending the WFD/GWD/EQSD (Il-Kontribut għall-konsultazzjoni tal-ENV: Kummenti dwar il-proposta tal-Kummissjoni għall-emendar tad-WFD/GWD/EQSD), Marzu 2023. SCHEER. Groundwater quality standards for proposed additional pollutants in the annexes to the Groundwater Directive (2006/118/EC) (Standards tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art għal sustanzi niġġiesa addizzjonali proposti fl-annessi tad-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art (2006/118/KE)), Lulju 2022.*

*<sup>1b</sup> EMA. Assessing the toxicological risk to human health and groundwater communities from veterinary pharmaceuticals in groundwater - Scientific guideline (Il-valutazzjoni tar-riskju tossikoloġiku għas-sahħha tal-bniedem u l-komunitajiet tal-ilma ta' taħt l-art minn farmaċewtiċi veterinarji fl-ilma ta' taħt l-art - Linji gwida xjentifiki), April 2018.*

*<sup>1c</sup> European Groundwater Memorandum: To secure the quality and quantity of drinking water for future generations (Memorandum Ewropew dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art: Biex jiġu żgurati l-kwalità u l-kwantità tal-ilma tax-xorb għall-ġenerazzjonijiet futuri), Marzu 2022.*

## **Emenda 28**

### **Proposta għal direttiva**

## Premessa 8d (ġdida)

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(8d) Bisfenol A jenħtieġ li jiġi trattat bħala sustanza prijoritarja perikoluża u jenħtieġ li jiżdied mal-lista fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE. Ir-rapporti xjentifiċi juru li anke l-bisfenoli għajr il-bisfenol A wrew potenzjal li jfixklu sistema endokrinali u t-taħlitiet ta' dawk il-bisfenoli jirrapreżentaw riskju ekotossikoloġiku. Minħabba li dawk is-sejbiet xjentifiċi jqajmu tkassib dwar l-użu sikur ta' alternattivi għall-bisfenoli li jista' jkollhom impatt negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi parametru “Bisfenoli Totali” u EQS xieraq għat-total tas-sustanzi tal-bisfenol.

## Emenda 29

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 8e (ġdida)

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(8e) Skont l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)<sup>1a</sup>, l-ekosistemi tal-ilma ta' taħbi l-art huma fundamentalment differenti u għalhekk jistgħu jkunu aktar vulnerabbli għal fatturi ta' stress mill-ekosistemi tal-ilma tal-wiċċ peress li m'għandhom il-kapaċità li jirkupraw mill-perturbazzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi applikat approċċ prekawzjonarju meta jiġu stabbiliti valuri ta' limitu tal-ilma ta' taħbi l-art biex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem, l-ekosistemi tal-ilma ta' taħbi l-art u l-ekosistemi dipendenti fuq l-ilma ta' taħbi l-art. F'konformità mal-parir tal-EMA, bħala riżultat ta' din il-vulnerabbiltà, il-valuri ta' limitu applikabbli għall-ilma ta' taħbi l-art għandhom normalment ikunu għaxar

*darbiet aktar baxxi mill-valuri ta' limitu korrispondenti għall-ilmijiet tal-wiċċ. Madankollu, fejn jista' jiġi stabbilit ir-riskju attwali għall-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art, jista' jkun xieraq li jiġu stabbiliti valuri ta' limitu għall-ilma ta' taħt l-art f'livell differenti.*

---

*1a EMA. Assessing the toxicological risk to human health and groundwater communities from veterinary pharmaceuticals in groundwater - Scientific guideline (Il-valutazzjoni tar-riskju tossikoloġiku għas-saħħa tal-bniedem u l-komunitajiet tal-ilma ta' taħt l-art minn farmacewtic i-veterinarji fl-ilma ta' taħt l-art - Linji gwida xjentifiċi), April 2018.*

## Emenda 30

### Proposta għal direttiva Premessa 9a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(9a) Skont il-liġi applikabbi tal-Unjoni, l-Istati Membri huma obbligati jiddejew konsultazzjoni jiddeżinjal żoni vulnerabbli għan-nitrati, jiżviluppaw programmi ta' azzjoni u jimplimentaw il-miżuri rilevanti. F'dan ir-rigward, għad hemm bżonn ta' titjib fl-armonizzazzjoni tal-miżuri ta' kontroll u tas-sistemi ta' kejl tal-kwalità tal-ilma bejn l-Istati Membri, sabiex iku hemm standards armonizzati madwar l-Unjoni li jagħmlu possibbli l-komparabbiltà bejn l-Istati Membri, u b'hekk jiġu evitati problemi ta' kompetizzjoni fis-settur agrikolu Ewropew, li jirriżultaw f'disturbi fis-suq intern.*

**Emenda 31**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Ġie espress tħassib dwar ir-riskju li tiżviluppa reżistenza għall-antimikrobiċi mill-preżenza ta' mikroorganiżmi reżistenti għall-antimikrobiċi u ġeni ta' reżistenza għall-antimikrobiċi fl-ambjent akkwatiku, iżda ftit li xejn sar monitoraġġ. Jenħtieġ li l-ġeni ta' reżistenza antimikrobika rilevanti jiġu inklużi wkoll fil-listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art u jiġu mmonitorjati hekk kif ikunu ġew żviluppati metodi ta' monitoraġġ xierqa. Dan huwa konformi mal-“Pjan ta' Azzjoni Ewropew ‘Saħħha Waħda’ kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi”, adottat mill-Kummissjoni f’Ġunju 2017, u mal-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa, li tindirizza wkoll dan it-tħassib.

*Emenda*

(10) *Huwa stmat li fl-2019, bejn 900 000 u 1,7 miljun mewta madwar id-dinja kienu attribwibbli għal infezzjonijiet ta' reżistenza antimikrobika (AMR)<sup>1a</sup>. Fl-istess ħin, ġie espress tħassib dwar ir-riskju li tiżviluppa reżistenza għall-antimikrobiċi mill-preżenza ta' mikroorganiżmi reżistenti għall-antimikrobiċi u ġeni ta' reżistenza għall-antimikrobiċi fl-ambjent akkwatiku, iżda ftit li xejn sar monitoraġġ. Jenħtieġ li l-ġeni ta' reżistenza antimikrobika rilevanti jiġu inklużi wkoll fil-listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art u jiġu mmonitorjati hekk kif ikunu ġew żviluppati metodi ta' monitoraġġ xierqa. Dan huwa konformi mal-“Pjan ta' Azzjoni Ewropew ‘Saħħha Waħda’ kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi”, adottat mill-Kummissjoni f’Ġunju 2017, u mal-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa, li tindirizza wkoll dan it-tħassib.*

---

<sup>1a</sup> “*Global burden of bacterial antimicrobial resistance in 2019: a systematic analysis*” (Il-piż globali tar-reżistenza għall-antimikrobiċi batterjali: analiżi sistematika), *Lancet*, 19 ta' Jannar 2022  
<https://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S0140673621027240?via%3Dihub>

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 10a (ġdida)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(10a) Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1729 li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2013/652/EU<sup>1a</sup> tistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb data komparabbi u affidabbi dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi fl-Unjoni Ewropea, inkluż permezz tal-monitoraġġ tal-ilma mormi tal-biċċeriji bħala veikolu potenzjali ta' batterji reżistenti għall-antibijotiċi u għalhekk rottu possibbli ta' kontaminazzjoni ambientali. Batterji reżistenti għall-antibijotiċi nstabu fl-ilma skarikat mill-biċċeriji.*

### **Emenda 33**

#### **Proposta għal direttiva Premessa 10b (ġdida)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(10b) Ġie espress tħassib dwar ir-riskju tas-sulfati u l-ksanati fl-ambjent akkwatiku. Is-sulfati mhux biss inaqqsu mill-kwalità tal-ilma tax-xorb, iżda jaffettaw ukoll iċ-ċikli materjali tal-karbonju, tan-nitroġenu u tal-fosforu. Fost affarijet oħra, dan iżid it-tagħbija ta' nutrijenti fil-korpi tal-ilma u b'hekk it-tkabbir tal-pjanti u tal-alka u jżid ukoll il-provvista tal-ikel għall-organiżmi akkwatichi u jwassal għal tnaqqis fl-ossiġnu fl-ilma. Is-sulfati u l-prodotti ta' degradazzjoni tagħhom, speċjalment is-sulfid, taħt ċerti kundizzjonijiet, jista' jkollhom effett tossiku fuq il-ħajja akkwatika. Ir-riżultati standard tat-testijiet jindikaw li xi ksanati u l-prodotti ta' degradazzjoni tagħhom huma tossiċi għall-invertebrati akkwatichi u għall-ispeċijiet tal-ħut u li jistgħu jibbi joakkumulaw. Is-sulfati digħi huma*

*elenkati bħala sustanza niġgħiesa għall-ilma ta' taħt l-art, iżda l-monitoraġġ li sar ma kienx suffiċjenti. Għalhekk, is-sulfati jenħtieġ li jiġu inklużi fil-listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art. Il-ksanati jenħtieġ li jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ.*

## Emenda 34

### Proposta għal direttiva Premessa 10c (ġidida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(10c) Sustanzi bħall-mikroplastiks joħolqu riskju ċar għas-sahħha pubblika u għall-ambjent, iżda wkoll għal attivitajiet bażiċi bħall-iżvilupp tal-agrikoltura. Il-preżenza ta' dawn is-sustanzi u partiċelli oħra jnja' jista' jkollha implikazzjonijiet mhux biss fuq l-ilma li jirċievu l-bhejjem u l-għelexx, iżda wkoll fuq il-fertilità tal-ħamrija, u b'hekk tikkomprometti s-sahħha u l-iżvilupp tajjeb tal-għelexx preżenti u futuri<sup>1a</sup>.*

---

*1a*

*<https://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S2352186422000724>*

## Emenda 35

### Proposta għal direttiva Premessa 11

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(11) Meta jitqies l-għarfien dejjem jikber tar-rilevanza tat-taħlillet u, għalhekk, tal-monitoraġġ ibbażat fuq l-effetti għad-determinazzjoni tal-istat kimiku, u meta jitqies li digħi jażistu metodi ta' monitoraġġ robusti bizzżejjed ibbażati fuq l-effetti għal-

*(11) Il-metodi ta' monitoraġġ attwali u konvenzjonali għall-istatus kimiku tal-korpi tal-ilma ma jistgħux, b'mod ġenerali, jiddeterminaw l-impatt ta' taħlillet kumplessi ta' sustanzi kimiċi fuq il-kwalità tal-ilma. Meta jitqies l-għarfien*

sustanzi estroġeniċi, jenhtieг li l-Istati Membri japplikaw tali metodi sabiex jivvalutaw l-effetti kumulattivi ta' sustanzi estroġeniċi fl-il mijiet tal-wiċċ fuq perjodu ta' mill-anqas sentejn. Dan se jippermetti t-tqabbil tar-riżultati bbażati fuq l-effetti mar-riżultati miksuba bl-użu tal-metodi konvenzjonali għall-monitoraġġ tat-tliet sustanzi estroġeniċi elenkti fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE. Dak it-tqabbil **se jintuża sabiex jiġi vvalutat** jekk il-metodi ta' monitoraġġ ibbażati fuq l-effetti jistgħux jintużaw bħala metodi ta' skrinjar affidabbli. L-użu ta' tali metodi ta' skrinjar ikollu l-vantaġġ li jippermetti li jiġu koperti l-effetti tas-sustanzi estroġeniċi kollha li għandhom effetti simili, u mhux biss dawk elenkti fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE. Id-definizzjoni ta' EQS fid-Direttiva 2000/60/KE jenhtieг li tīgi mmodifikata sabiex jiġi żgurat li fil-futur tkun tista' tkopri wkoll il-valuri ta' attivazzjoni li jistgħu jiġu stabbiliti għall-valutazzjoni tar-riżultati tal-monitoraġġ ibbażat fuq l-effetti.

dejjem jikber tar-rilevanza tat-taħlitiet u, għalhekk, tal-monitoraġġ ibbażat fuq l-effetti għad-determinazzjoni tal-istat kimiku, u meta jitqies li diġà jeżistu metodi ta' monitoraġġ robusti bizzarejjed ibbażati fuq l-effetti għal sustanzi estroġeniċi, jenhtieг li l-Istati Membri japplikaw tali metodi sabiex jivvalutaw l-effetti kumulattivi ta' sustanzi estroġeniċi fl-il mijiet tal-wiċċ fuq perjodu ta' mill-anqas sentejn. Dan se jippermetti t-tqabbil tar-riżultati bbażati fuq l-effetti mar-riżultati miksuba bl-użu tal-metodi konvenzjonali għall-monitoraġġ tat-tliet sustanzi estroġeniċi elenkti fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE. Dak it-tqabbil **jenhtieг li jiġi inkluż f'rapport ta' evalwazzjoni ppubblikat mill-Kummissjoni li permezz tiegħu tivvaluta** jekk il-metodi ta' monitoraġġ ibbażati fuq l-effetti **jwasslux għal data robusta u preċiża u jekk** jistgħux jintużaw bħala metodi ta' skrinjar affidabbli. L-użu ta' tali metodi ta' skrinjar ikollu l-vantaġġ li jippermetti li jiġu koperti l-effetti tas-sustanzi estroġeniċi kollha li għandhom effetti simili, u mhux biss dawk elenkti fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE.  
**Jenhtieг ukoll li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta d-Direttiva 2008/105/KE biex tistabbilixxi l-modalitajiet għall-Istati Membri sabiex jużaw il-metodi bbażati fuq l-effetti biex iwettqu monitoraġġ ħalli jivvalutaw ukoll il-preżenza ta' sustanzi oħra fil-korpi tal-ilma, b'antiċipazzjoni tal-istabbiliment possibbli ta' valuri skattaturi bbażati fuq l-effetti fil-futur.** Id-definizzjoni ta' EQS fid-Direttiva 2000/60/KE jenhtieг li tīgi mmodifikata sabiex jiġi żgurat li fil-futur tkun tista' tkopri wkoll il-valuri ta' attivazzjoni li jistgħu jiġu stabbiliti għall-valutazzjoni tar-riżultati tal-monitoraġġ ibbażat fuq l-effetti.

**Emenda 36**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 11a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(11a) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti valuri ta' limitu aktar stretti fejn l-istandardi tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art jistgħu jirriżultaw f'nuqqas ta' kisba tal-objettivi ambientali tad-Direttiva 2000/60/KE għall-korpi tal-ilma assoċjati, kif meħtieġ skont id-Direttiva 2006/118/KE. Dak ir-rekwiżit skont id-Direttiva 2006/118/KE jenħtieġ li jiġi estiż aktar biex is-siti vulnerabbli jiġu protetti aħjar mit-tniggi.*

**Emenda 37**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(12) L-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ilma<sup>58</sup> (l-“evalwazzjoni”) ikkonkludiet li l-proċess għall-identifikazzjoni u l-elenkar ta’ sustanzi niġgieha li jaffettwaw l-ilma tal-wiċċ u ta’ taħt l-art u għall-istabbiliment jew ir-reviżjoni tal-istandardi ta’ kwalità ġħalihom fid-dawl ta’ għarfien xjentifiku ġdid jista’ jiġi aċċellerat. **Kieku dawk il-kompeti kellhom jitwettqu mill-Kummissjoni, aktar milli fil-qafas tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja kif previst bħalissa fl-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 2000/60/KE u fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2006/118/KE, il-funzjonament tal-mekkaniżmi tal-lista ta’ sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u ta’ taħt l-art, b’mod partikolari f’termini taż-żmien u s-sekwenza tal-elenkar, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tar-riżultati, **jista’** jittejjeb, ir-rabtiet bejn il-mekkaniżmu tal-lista ta’ sorveljanza u r-rieżamijiet tal-listi ta’**

(12) L-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ilma<sup>58</sup> (l-“evalwazzjoni”) ikkonkludiet li l-proċess għall-identifikazzjoni u l-elenkar ta’ sustanzi niġgieha li jaffettwaw l-ilma tal-wiċċ u ta’ taħt l-art u għall-istabbiliment jew ir-reviżjoni tal-istandardi ta’ kwalità ġħalihom fid-dawl ta’ għarfien xjentifiku ġdid jista’ jiġi aċċellerat. Għaldaqstant, fil-qafas ta’ kwalunkwe rieżami futur tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE firrigward tal-lista ta’ sustanzi prijoritarji u l-EQS korrispondenti stabbiliti fil-Parti A ta’ dak l-Anness u l-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE, il-funzjonament tal-mekkaniżmi tal-lista ta’ sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u ta’ taħt l-art, b’mod partikolari f’termini taż-żmien u s-sekwenza tal-elenkar, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tar-riżultati, **jenħtieġ li** jittejjeb, ir-rabtiet bejn il-mekkaniżmu tal-lista ta’ sorveljanza u r-rieżamijiet tal-listi

sustanzi niġgħiesa ***jistgħu*** jissaħħu, u ***l-bidliet fil-listi ta'*** sustanzi niġgħiesa ***jistgħu jqisu*** l-progress xjentifiku aktar malajr. ***Għalhekk, u minħabba l-ħtieġa li jiġu emendati l-listi ta'*** ***sustanzi niġgħiesa u l-EQS tagħhom fil-pront fid-dawl ta'*** ***għarfien xjentifiku u tekniku ġdid,*** ***jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex temenda l-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE firrigward tal-lista ta'* ***sustanzi prioritarji u l-EQS korrispondenti stabbiliti fil-Parti A ta'*** ***dak l-Anness u sabiex temenda l-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE firrigward tal-lista ta'* ***sustanzi li jniġġsu l-ilma ta'*** ***taħt l-art u l-standards ta'*** ***kwalità stabbiliti f'dak l-Anness.*** F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis ir-riżultati tal-monitoraġġ tas-sustanzi fuq il-listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċċ u tal-ilma ta' taħt l-art. B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li jitħassru l-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 2000/60/KE u l-Anness X ta' dik id-Direttiva, kif ukoll l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2006/118/KE, ***filwaqt li jinżamm l-obbligu li jittieħdu miżuri li jkollhom l-għan li jwaqqfu jew jeliminaw b'mod gradwali l-iskariki, l-emissjonijiet u t-telf ta'* ***sustanzi prioritarji perikolużi.*********

ta' sustanzi niġgħiesa ***jenħtieġ li*** jissaħħu, u ***l-perjodu għal rieżami tal-listi ta'*** sustanzi niġgħiesa ***jenħtieġ li jiġu aġġustat sabiex iqis*** l-progress xjentifiku aktar malajr. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis ir-riżultati tal-monitoraġġ tas-sustanzi fuq il-listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċċ u tal-ilma ta' taħt l-art. B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li jitħassru l-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 2000/60/KE u l-Anness X ta' dik id-Direttiva, kif ukoll l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2006/118/KE, ***filwaqt li jinżamm l-obbligu li jittieħdu miżuri li jkollhom l-għan li jwaqqfu jew jeliminaw b'mod gradwali l-iskariki, l-emissjonijiet u t-telf ta'* ***sustanzi prioritarji perikolużi.*****

<sup>58</sup> Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Kontroll tal-idoneità tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, tad-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art, tad-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali u tad-Direttiva dwar l-Għargħar, SWD(2019) 439 final.

<sup>58</sup> *Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Kontroll tal-idoneità tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, tad-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art, tad-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali u tad-Direttiva dwar l-Għargħar (SWD(2019)0439.*

## Emenda 38

### Proposta għal direttiva Premessa 12a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(12a) B'mod ġenerali, il-konklużjonijiet tal-Kontroll tal-Idoneità jindikaw li d-*

*Direttivi huma ġeneralment adattati  
għall-iskop tagħhom, b'ambitu għal titjib,  
inkluż l-aċċellerazzjoni tal-  
implimentazzjoni xierqa tal-objettivi  
tagħhom, li jistgħu jinkisbu permezz ta'  
aktar finanzjament mill-Unjoni. Il-  
valutazzjoni tindika li d-Direttivi s'issa  
ġeneralment wasslu għal livell oħla ta'  
protezzjoni tal-korpi tal-ilma u ġestjoni  
tar-riskju ta' għargħar.*

## Emenda 39

### Proposta għal direttiva Premessa 13a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(13a) Kwalunkwe deċiżjoni fl-għażla, fir-  
rieżami tas-sustanzi u fl-istabbiliment ta'  
EQS jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-  
valutazzjoni tar-riskju u ssegwi approċċe  
proporzjonat, trasparenti u bbażat fuq ix-  
xjenza, filwaqt li jitqiesu r-  
rakkomandazzjonijiet mill-Parlament  
Ewropew, l-Istati Membri u l-partijiet  
ikkonċernati rilevanti.*

## Emenda 40

### Proposta għal direttiva Premessa 13b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(13b) Filwaqt li d-Direttiva 2000/60/KE  
stabbiliet ir-regoli biex isir progress fir-  
rigward tal-kwantità u l-kwalità tal-ilma,  
il-Kontroll tal-Idoneità wera li l-progress  
kajman fil-kisba tal-objettivi ta' din id-  
Direttiva jista', fost affarijiet oħra, jiġi  
attribwit għal nuqqas ta' riżorsi  
finanzjarji suffiċjenti kif ukoll għal  
kumplessità regolatorja u ekoloġika,*

*inkluż dewmien possibbli biex l-ilma ta' taħt l-art jirreaġixxi għall-miżuri u fir-rigward tal-iskedi ta' żmien għar-rappurtar. Il-miżuri li jtejbu l-istatus tal-korpi tal-ilma permezz tar-restawr tax-xmajar u s-servizzi tal-ekosistema jipprovdu benefiċċji finanzjarji li jegħi l-bu l-kostijiet u li jistgħu jnaqqas n-nefqa meħtieġa għall-Istati Membri. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni tindika nuqqas ta' implimentazzjoni, kamp ta' applikazzjoni insuffiċjenti, u miżuri ta' restawr insuffiċjenti jew inadegwati li jiżguraw il-konnettivitā idroloġika u ekoloġika<sup>1a</sup>.*

---

<sup>1a</sup> [https://www.igb-berlin.de/sites/default/files/media-files/download-files/IGB\\_Policy\\_Brief\\_WFD\\_2019.pdf](https://www.igb-berlin.de/sites/default/files/media-files/download-files/IGB_Policy_Brief_WFD_2019.pdf)

**Emenda 41**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 15**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Sabiex jiġu żgurati approċċ armonizzat u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex temenda l-Parti B tal-Anness II tad-Direttiva 2006/118/KE billi tadatta l-lista ta' sustanzi niġġiesa li għalihom l-Istati Membri għandhom *jikkunsidraw li jistabbilixxu valuri ta' limitu nazzjonali.*

*Emenda*

(15) Sabiex jiġu żgurati approċċ armonizzat u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex temenda l-Parti B tal-Anness II tad-Direttiva 2006/118/KE billi tadatta l-lista ta' sustanzi niġġiesa li għalihom l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu valuri ta' limitu nazzjonali.

**Emenda 42**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 20a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(20a) Sabiex jiġu previsti standards ta' protezzjoni adegwati għal żoni ta' valur ekoloġiku għoli, vulnerabbiltà jew tniġġis, bħal għerien u żoni karst, li fihom ekosistemi li huma fost l-aktar vulnerabbli għall-kontaminazzjoni u li jirrappreżentaw provvista importanti tal-ilma tax-xorb, kif ukoll għal dawk li qabel kienu siti industrijali u żoni oħra b'kontaminazzjoni storika magħrufa, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblika valutazzjoni tal-istatus kimiku ta' tali żoni u, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tirrevedi d-Direttiva 2006/118/KE skont dan.*

**Emenda 43**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 21**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Sabiex jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet effettiv u koerenti u jiġu żviluppati sinerġiji mal-ħidma mwettqa fil-qafas ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (“ECHA”) tingħata rwol permanenti u ċirkoskritt b'mod ċar fil-prioritizzazzjoni tas-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-listi ta' sorveljanza u fil-listi ta' sustanzi fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2008/105/KE u fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2006/118/KE, u fid-derivazzjoni ta' standards ta' kwalità xierqa bbażati fuq ix-xjenza. Jenħtieġ li l-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) u l-Kumitat għall-Analiżi Soċċo-ekonomika (SEAC) tal-ECHA jiffaċilitaw it-twettiq ta' ċerti kompiti mogħtija lill-ECHA billi jipprovdu opinjonijiet. Jenħtieġ li l-ECHA tiżgura wkoll koordinazzjoni aħjar bejn diversi biċċiet ta' liġi ambjentali permezz ta' trasparenza akbar fir-rigward tas-sustanzi niġgħiesa f'lista ta' sorveljanza jew

*Emenda*

(21) Sabiex jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet effettiv u koerenti u jiġu żviluppati sinerġiji mal-ħidma mwettqa fil-qafas ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (“ECHA”) tingħata rwol permanenti u ċirkoskritt b'mod ċar fil-prioritizzazzjoni tas-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-listi ta' sorveljanza u fil-listi ta' sustanzi fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2008/105/KE u fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2006/118/KE, u fid-derivazzjoni ta' standards ta' kwalità xierqa bbażati fuq ix-xjenza. Jenħtieġ li l-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) u l-Kumitat għall-Analiżi Soċċo-ekonomika (SEAC) tal-ECHA jiffaċilitaw it-twettiq ta' ċerti kompiti mogħtija lill-ECHA billi jipprovdu opinjonijiet. Jenħtieġ li l-ECHA tiżgura wkoll koordinazzjoni aħjar bejn diversi biċċiet ta' liġi ambjentali permezz ta' trasparenza akbar fir-rigward tas-sustanzi niġgħiesa f'lista ta' sorveljanza jew

l-iżvilupp ta' EQS jew limiti nazzjonali jew għall-Unjoni kollha, billi tagħmel ir-rapporti xjentifiċi rilevanti disponibbli għall-pubbliku.

l-iżvilupp ta' EQS jew limiti nazzjonali jew għall-Unjoni kollha, billi tagħmel ir-rapporti xjentifiċi rilevanti disponibbli għall-pubbliku. **Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-valuri ta' limitu għas-sustanzi farmaċewtiċi, jenħtieġ li l-ECHA tikkoopera mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (“EMA”).**

**Emenda 44**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 23**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(23) *Integrazzjoni aħjar tal-flussi tad-data rrapportati lill-EEA skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ilma u, b'mod partikolari, tal-inventarji tal-emissjonijiet meħtieġa mid-Direttiva 2008/105/KE, mal-flussi tad-data rrapportati lill-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali skont id-Direttiva 2010/75/UE u r-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>61</sup>, se tagħmel ir-rapportar tal-inventarju f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/105/KE aktar semplicei u effiċċenti. Fl-istess ħin, din se tnaqqas il-piż amministrattiv u l-ogħla tagħbija tax-xogħol fit-tħejjijiet tal-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara. Flimkien mat-tnejħi ja tar-rapportar interim dwar il-progress tal-programmi ta' miżuri, li ma wrietz li kienet effettiva, dan ir-rapportar simplifikat se jippermetti lill-Istati Membri jagħmlu aktar sforz sabiex jirrapportaw l-emissjonijiet li ma humiex koperti mil-leġiżlazzjoni dwar l-emissjonijiet industrijali, iżda li huma koperti mir-rapportar tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/105/KE.*

*Emenda*

*imħassar*

<sup>61</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).

## Emenda 45

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 31

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(31) Huwa meħtieġ li jitqies il-progress tekniku u xjentifiku fil-qasam tal-monitoraġġ tal-istatus tal-korpi tal-ilma f'konformità mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ stabbiliti fl-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jużaw data u servizzi minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati in situ, jew mid-data xjentifika taċ-ċittadini, li jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-intellegenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data.

##### *Emenda*

(31) Huwa meħtieġ li jitqies il-progress tekniku u xjentifiku **u l-aħjar metodi disponibbli** fil-qasam tal-monitoraġġ tal-istatus tal-korpi tal-ilma f'konformità mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ stabbiliti fl-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jużaw data u servizzi minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati in situ, jew mid-data xjentifika taċ-ċittadini, li jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-intellegenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data.

## Emenda 46

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 31a (ġdida)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

**(31a) L-attivitajiet industrijali relatati mat-tranżizzjoni tal-enerġija jistgħu jżidu l-impatti negattivi fuq il-kwalità tal-ilma. Il-mitigazzjoni ta' dawn l-impatti futuri, bħal bidliet fix-xejriet tal-fluss naturali u fit-temperatura, u t-tniġġis tal-ilma, teħtieġ valutazzjoni tal-firxa sħiħa ta' fatturi potenzjali kif ukoll miżuri li**

*għandhom jittieħdu biex tinkiseb u tinżamm kwalità tajba tal-ilma. L-Istati Membri, għalhekk, jenħtieġ li jevalwaw b'mod regolari l-impatt fuq il-kwalità tal-ilma tal-aktivitjet industrijali relatati mat-tranżizzjoni tal-enerġija u jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar theddid ġdid identifikat sabiex tkun tista' ta' tagħġonna il-lista ta' sorveljanza skont dan. L-evalwazzjoni jenħtieġ li tkun aċċessibbli faċiilment għall-publiku u l-aġġornament jenħtieġ li jitħalla jseħħ barra miċ-ċikli ta' aġġornament ġenerali, biex jiġi żgurat titjib kontinwu tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-ilma.*

**Emenda 47**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 31b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(31b) Il-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-komunikazzjoni tagħha tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar it-titjib tal-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, impenjat ruħha li tieħu azzjoni biex ittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja quddiem il-qrat nazzjonali fl-Istati Membri kollha għaċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet ambjentali mhux governattivi li għandhom tħassib spċificu dwar il-kompatibbiltà tal-atti amministrattivi li għandhom effetti fuq l-ambjent mal-liġi ambjentali. F'din l-aħħar komunikazzjoni, il-Kummissjoni tafferma li “l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, kemm permezz tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QĠUE) kif ukoll permezz tal-qrat nazzjonali bħala qrat tal-Unjoni, huwa miżura ta' appoġġ importanti biex tgħin fit-twettiq tat-tranżizzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew*

*u mod kif jissahħħah ir-rwol li s-soċjetà ċivili tista' taqdi bħala għassiesa fl-ispażju demokratiku". Dawk l-impenji jenħtieġ li jiġu implementati wkoll skont id-Direttiva 2000/60/KE.*

#### **Emenda 48**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 31 c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(31c) Kif ikkonfermat mill-ġurisprudenza tal-QĠUE<sup>1a</sup>, l-organizzazzjonijiet ambjentali nongovernattivi u l-individwi direttament ikkonċernati jenħtieġ li jingħataw locus standi sabiex jikkontestaw deċiżjoni meħuda minn awtorità pubblika, li tikser l-objettivi ambjentali msemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60. Bl-għan li jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja fil-kwistjonijiet ikkonċernati quddiem il-qrat nazzjonali madwar l-Unjoni u biex l-organizzazzjonijiet nongovernattivi u l-individwi kkonċernati direttament ikunu jistgħu jserrħu fuq il-liġijiet nazzjonali meta jikkontestaw deċiżjonijiet li jiksru d-Direttiva 2000/60 KE, jenħtieġ li jiġu stabiliti dispożizzjonijiet li jiżguraw l-aċċess għall-ġustizzja stabiliti fid-Direttiva 2000/60/KE.*

---

<sup>1a</sup> Kawża C-535/18, Sentenza tal-Qorti (l-Ewwel Awla) tat-28 ta' Mejju 2020; IL et vs Land Nordrhein-Westfalen, Kawża C-664/15, Sentenza tal-Qorti (l-Ewwel Awla) tal-20 ta' Diċembru 2017; Protect Natur-, Arten- und Landschaftsschutz Umweltorganisation v Bezirkshauptmannschaft Gmünd.

#### **Emenda 49**

## Proposta għal direttiva

### Premessa 32

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(32) Meta jitqiesu ż-żidiet f'avvenimenti tat-temp imprevedibbli, b'mod partikolari għargħar estrem u nixfiet fit-tul, u f'inċidenti ta' tniġġis sinifikanti li jirriżultaw fi jew jaggravaw it-tniġġis aċċidentalni transfruntier, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jiżguraw li tiġi pprovduta informazzjoni immedjata dwar tali inċidenti lil Stati Membri potenzjalment affettwati oħrajn u jikkooperaw b'mod effettiv ma' Stati Membri potenzjalment affettwati sabiex itaffu l-effetti tal-avveniment jew tal-inċident. Huwa meħtieġ ukoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u li jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-kooperazzjoni transfruntiera f'każ ta' kwistjonijiet transfruntiera aktar strutturali, jiġifieri mhux aċċidentalni u aktar fit-tul, li ma jistgħux jissolvew fil-livell tal-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2000/60/KE. F'każ li tkun meħtieġa assistenza Ewropea, l-awtoritat jiett nazzjonali kompetenti jistgħu jibagħtu talbiet għal assistenza liċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Rispons ta' Emerġenza tal-Kummissjoni, li se jikkoordina l-offerti possibbli ta' assistenza u l-iskjerament tagħhom permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, f'konformità mal-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni Nru **1313/2013** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

#### *Emenda*

(32) Meta jitqiesu ż-żidiet f'avvenimenti tat-temp imprevedibbli, b'mod partikolari għargħar estrem u nixfiet fit-tul, u f'inċidenti ta' tniġġis sinifikanti li jirriżultaw fi jew jaggravaw it-tniġġis aċċidentalni transfruntier, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jiżguraw li tiġi pprovduta informazzjoni immedjata dwar tali inċidenti lil Stati Membri potenzjalment affettwati oħrajn u jikkooperaw b'mod effettiv ma' Stati Membri potenzjalment affettwati sabiex itaffu l-effetti tal-avveniment jew tal-inċident. Huwa meħtieġ ukoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u li jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-kooperazzjoni transfruntiera f'każ ta' kwistjonijiet transfruntiera aktar strutturali, jiġifieri mhux aċċidentalni u aktar fit-tul, li ma jistgħux jissolvew fil-livell tal-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2000/60/KE. F'każ li tkun meħtieġa assistenza Ewropea, l-awtoritat jiett nazzjonali kompetenti jistgħu jibagħtu talbiet għal assistenza liċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Rispons ta' Emerġenza tal-Kummissjoni, li se jikkoordina l-offerti possibbli ta' assistenza u l-iskjerament tagħhom permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, f'konformità mal-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni Nru **1313/2013/UE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. *Meta jitqies li d-distretti tal-baċċiri idrografiċi jistgħu jestendu wkoll lil hinn mit-territorju tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat li jkun hemm implantazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet rilevanti għall-protezzjoni tal-ilma skont id-Direttiva 2000/60/KE kif ukoll koordinazzjoni xierqa mal-Istati mhux Membri rilevanti jikkontribwixxu wkoll għall-objettivi kif*

*stabbiliti fid-Direttiva 2000/60/KE għal dawk id-distretti tal-baċċiri idrografiċi speċifiċi, kif imsemmi fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2000/60/KE. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-kunflitti armati li jseħħu fi prossimità ġeografika mill-qrib mal-Unjoni jitqiesu wkoll bħala avvenimenti eċċeżżjonali minħabba l-impatt ambjentali transfruntier negattiv estensiv tagħhom, inkluż it-tniġġis tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma. Peress li l-baċċiri idrografiċi affettwati minn tali kunflitti jistgħu jestendu fi ħdan il-konfini tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jistabbilixxu koordinazzjoni xierqa mal-Istati mhux Membri rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2000/60/KE.*

---

<sup>64</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

<sup>64</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

## **Emenda 50** **Proposta għal direttiva** **Premessa 32a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(32a) Il-Qorti Ewropea tal-Audituri fir-rapport tagħha tad-19 ta' Mejju 2021 bit-titlu “The Polluter Pays Principle: Inconsistent application across EU environmental policies and actions” (Il-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas: Applikazzjoni inkonsistenti fil-politiki u fl-azzjonijiet ambjentali tal-UE) tinnota li l-Istati Membri digħi ja nafqu madwar EUR 100 biljun fits-sena fuq il-provvista tal-ilma u s-sanità u li żidiet f'dik in-nefqa huma mistennija li jammontaw għal aktar minn 25 % sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-*

*leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-trattament tal-ilma mormi u l-ilma tax-xorb, filwaqt li mhumiex inklużi investimenti meħtieġa biex tiġi rrinovata infrastruttura eżistenti jew jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u d-Direttiva dwar l-Għargħar. Barra minn hekk, fl-Unjoni, l-utenti jħallsu medja ta' madwar 70 % tal-kost tal-provvista tas-servizzi tal-ilma, permezz ta' tariffi tal-ilma, filwaqt li l-fondi pubbliċi jiffinanzjaw it-30 % li jifdal, għalkemm hemm differenzi konsiderevoli bejn ir-reġjuni u l-Istati Membri. L-unitajiet domestiċi fl-Unjoni jġarrbu normalment il-kostijiet għall-provvista tas-servizzi tal-ilma u s-sanità, anke jekk jikkonsumaw 10 % biss tal-ilma, filwaqt li s-setturi ekonomiċi li jagħmlu l-aktar pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma ħelu rinnovabbli jikkontribwixxu l-anqas biex jiġu koperti dawn il-kostijiet.*

### **Emenda 51**

#### **Proposta għal direttiva Premessa 32b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(32b) Il-kostijiet tal-programmi ta' monitoraġġ għad-determinazzjoni tal-istatus tal-ilma tal-wiċċu u tal-ilma ta' taħt l-art huma ffinanzjati biss mill-baġits tal-Istati Membri. Minħabba li l-ġħadd ta' sustanzi kimiċi identifikati fl-ambjent akkwatiku qed jinbidel b'mod kostanti, li hemm ġħadd dejjem jikber ta' sustanzi niġġiesa emerġenti li għadhom kif deħru fl-ambjent akkwatiku, li huwa meħtieġ titjib kostanti tal-metodi analitiċi kimiċi sabiex jiġu identifikati dawn is-sustanzi niġġiesa emerġenti u ġoddha u jiġi vvalutat b'mod korrett l-impatt ekoloġiku tagħhom, u li wkoll jeħtieġ li jiġu żviluppati metodi ġoddha ta' monitoraġġ sabiex jiġu vvalutati aħjar l-effetti tat-*

*taħlitiet kimiċi, dawk il-kostijiet tal-monitoraġġ huma mistennija li jkomplu jiżdiedu. Sabiex jiġu koperti dawk il-kostijiet, u f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas minqux fl-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), huwa esenzzjali li l-produtturi li jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni prodotti li fihom sustanzi li għandhom impatt negattiv ippruvat jew potenzjali fuq is-saħħha tal-bniedem u l-ambjent akkwatiku jieħdu fuqhom ir-responsabbiltà finanzjarja għall-miżuri meħtieġa biex jikkontrollaw is-sustanzi ġġenerati fil-kuntest tal-attivitàjet kummerċjali tagħhom u li jinsabu fl-ilma tal-wiċċ u fl-ilma ta' taħt l-art. Sistema ta' responsabbiltà estiżza tal-produttur hija x'aktarx l-aktar mezz xieraq biex jinkiseb dan, peress li tillimita l-impatt finanzjarju fuq il-kontribwenti, filwaqt li tippordi incēntiv biex jiġu żviluppati prodotti aktar ekoloġiċi. Għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprepara valutazzjoni tal-impatt li teżamina l-inklużjoni ta' mekkaniżmu għar-responsabbiltà estiżza tal-produttur fid-Direttiva 2006/118/KE u d-Direttiva 2008/105/KE li jaapplika għas-sustanzi prioritarji definiti skont id-Direttiva 2006/118/KE u skont id-Direttiva 2008/105/KE, kif ukoll għas-sustanzi niġġiesa emerġenti u ġodda, kif definit fil-listi ta' sorveljanza skont id-Direttiva 2006/118/KE u d-Direttiva 2008/105/KE. Il-valutazzjoni tal-impatt jenħtieġ li tkun akkumpanjata, meta jkun xieraq, bi proposta leġiż-lattiva li tirrevevi d-Direttivi 2006/118/KE u 2008/105/KE.*

**Emenda 52**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 32c (ġidida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(32c) Il-monitoraġġ ta' għadd akbar ta' sustanzi jew gruppi ta' sustanzi jinvolvi żieda fil-kostijiet iżda wkoll il-ħtieġa għal kapaċità amministrattiva msaħħa fl-Istati Membri, speċjalment dawk b'rizzorsi aktar skarsi. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni Ewropea jenħtieġ li twaqqaf faċilità Ewropea konġunta ta' monitoraġġ għall-ġestjoni tar-rekwiżiti ta' monitoraġġ meta l-Istati Membri jitkolbu dan, u b'hekk jitnaqqsu l-piżżejjiet finanzjarji u amministrattivi tagħhom. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiddefinixxi l-metodi ta' operat tal-faċilità ta' monitoraġġ. L-użu ta' tali faċilità jenħtieġ li jkun volontarju u mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti digħi stabbiliti mill-Istati Membri.**

### **Emenda 53**

#### **Proposta għal direttiva Premessa 32 d (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(32d) L-evidenza turi li hemm ħtieġa ta' investiment fis-settur tal-ilma u l-finanzjament tal-Unjoni huwa vitali għal xi Stati Membri biex jikkonformaw mal-obbligi legali stabbiliti fid-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 2008/105/KE u d-Direttivva 2006/118/KE. Jeħtieġ li l-Istati Membri kollha jżidu n-nefqa tagħhom b'mill-anqas 20 % biex jilħqu l-istandards tal-ilma tal-Unjoni u hemm diskrepanza fil-finanzjament aggregata ta' EUR 289 biljun sal-2030<sup>la</sup>. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi żgurat li jiġu pprovduti biżżejjed rizzorsi finanzjarji u umani għall-fini tat-twettiq ta' monitoraġġ u spezzjonijiet tal-korpi tal-ilma fl-Istati Membri kollha, inkluż permezz ta' fondi u programmi strutturali rilevanti tal-Unjoni, kif ukoll permezz ta' kontribuzzjonijiet mis-settur privat, inkluż skont il-mekkaniżmu ta' responsabbilità**

*estizza tal-produttur, ladarba jiġi stabbilit.*

---

*1a OECD, Is-Sitt Roundtable dwar il-Finanzjament tal-Ilma. Disponibbli fuq: <https://www.oecd.org/water/6th-Roundtable-on-Financing-Water-in-Europe-Summary-and-Highlights.pdf>*

**Emenda 54**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 34a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(34a) L-Istati Membri jenħtieġ li jinkoraġġixxu sinerġiji bejn ir-rekwiżiti tad-direttivi rilevanti li jikkonċernaw kemm il-ġbir tad-data kif ukoll l-użu ta' għodod digħitali bħat-teknoloġiji ta' telerilevament jew l-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus).*

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 34b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(34b) L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jappoġġaw it-taħriġ, il-programmi ta' żvilupp tal-ħiliet u l-investiment fil-kapital uman biex jappoġġaw l-implementazzjoni effettiva tal-aħjar teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi fil-qafas tad-direttivi. L-informazzjoni jenħtieġ li tkun aċċessibbli fil-lingwi nazzjonali differenti biex tissaħħa l-aċċessibbiltà għad-data rilevanti madwar l-Ewropa għall-atturi lokali u għaċ-ċittadini rilevanti.*

**Emenda 56**

**Proposta għal direttiva**

## **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – parti introduttorja**

Id-Direttiva 2000/60/KE

Artikolu 1 – punt e – inċiż 4

*Test propos mill-Kummissjoni*

(1) fl-Artikolu 1, ir-raba' inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

*Emenda*

(1) fl-Artikolu 1, ***il-punt (e)***, ir-raba' inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

## **Emenda 57**

**Proposta għal direttiva**

### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c**

Id-Direttiva 2000/60/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 30a

*Test propos mill-Kummissjoni*

(30a) ‘Sustanzi prioritarji perikolużi’ tfisser sustanzi prioritarji li huma mmarkati bħala ‘perikolużi’ fuq il-bażi li huma rikonoxxuti f’rapporti xjentifiċi, fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, jew fi ftehimiet internazzjonali rilevanti, bħala tossiċi, persistenti u suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni jew bħala li jagħtu lok għal livell ekwivalenti ta’ tħassib, fejn dan it-tħassib ikun rilevanti għall-ambjent akkwatiku.

*Emenda*

(30a) ‘Sustanzi prioritarji perikolużi’ tfisser sustanzi prioritarji li huma mmarkati bħala ‘perikolużi’ fuq il-bażi li huma rikonoxxuti f’rapporti xjentifiċi, fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, jew fi ftehimiet internazzjonali rilevanti, bħala tossiċi, persistenti u suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni (**PBT**), jew persistenti **ħafna u bijoakkumulattivi ħafna (vPvB)**, jew persistenti, mobbli u tossiċi (**PMT**) jew persistenti **ħafna u mobbli ħafna (vPvM)**, jew bħala li jagħtu lok għal livell ekwivalenti ta’ tħassib, fejn dan it-tħassib ikun rilevanti għall-ambjent akkwatiku, **u li għalihom jeħtieġ li jittieħdu miżuri f’konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (a), il-punt (iv)**.

## **Emenda 58**

**Proposta għal direttiva**

### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d**

Id-Direttiva 2000/60/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 35

*Test propos mill-Kummissjoni*

(35) ‘Standard ta’ kwalità ambjentali’

*Emenda*

(35) ‘Standard ta’ kwalità ambjentali’

tfisser il-konċentrazzjoni ta' sustanza niġġiesa partikolari jew ta' grupp ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma, fis-sediment jew fil-bijota li ma għandhomx jinqabżu sabiex jiġu protetti s-sahħha tal-bniedem u l-ambjent, jew valur ta' skattar għall-effett negattiv fuq is-sahħha tal-bniedem jew l-ambjent ta' tali sustanza niġġiesa jew grupp ta' sustanzi niġġiesa mkejla bl-użu ta' metodu xieraq ibbażat fuq l-effetti.”;

tfisser il-konċentrazzjoni ta' sustanza niġġiesa partikolari jew ta' grupp ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma, fis-sediment jew fil-bijota li ma għandhomx jinqabżu sabiex jiġu protetti s-sahħha tal-bniedem u l-ambjent, jew valur ta' skattar għall-effett negattiv fuq is-sahħha tal-bniedem jew l-ambjent ta' tali sustanza niġġiesa jew grupp ta' sustanzi niġġiesa mkejla bl-użu ta' metodu xieraq **u stabilit** **xjentifikament** ibbażat fuq l-effetti.”;

## Emenda 59

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt da (ġidid)

Id-Direttiva 2000/60/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 37

*Test fis-seħħ*

37. ‘ilma maħsub għal konsum uman’ għandu l-istess tifsira bħal fid-Direttiva 80/778/KEE, kif emodata bid-Direttiva 98/83/KE.

*Emenda*

*(da) il-punt (37) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“37. ‘ilma maħsub għal konsum uman’ għandu l-istess tifsira bħal fid-Direttiva (UE) 2020/2184.”

*(02000L0060)*

## Emenda 60

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt db (ġidid)

Id-Direttiva 2000/60/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 40 – subparagrafu 1

*Test fis-seħħ*

40. ‘Valuri limiti ta’ emmissjoni’ ifissru il-massa, espressa f’termini ta’ ċerta parametri spċifici, konċentrazzjoni u/jew livell ta’ emmissjoni, li ma’ jridux jiġu

*Emenda*

*(db) fl-Artikolu 2 il-punt(40), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“40. ‘Valuri limiti ta’ emmissjoni’ ifissru il-massa, espressa f’termini ta’ ċerta parametri spċifici, konċentrazzjoni u/jew livell ta’ emmissjoni, li ma’ jridux jiġu

maqbuża waqt kull perjodu jew perjodi ta' ħin. Valuri limiti ta' emmissjoni jistgħu ukoll jitniżżlu għal ċerta gruppi, familji jew kategoriji ta' sustazni, partikolarment għal dawk identifikati ***taħt l-Artikolu 16***.

maqbuża waqt kull perjodu jew perjodi ta' ħin. Valuri limiti ta' emmissjoni jistgħu ukoll jitniżżlu għal ċerta gruppi, familji jew kategoriji ta' sustazni, partikolarment għal dawk identifikati ***fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE***.”

(02000L0060)

## **Emenda 61**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**

Id-Direttiva 2000/60/KE

Artikolu 3 – paragrafu 4a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4a. Fil-każ ta' ċirkostanzi eċċeazzjonali ta' oriġini naturali jew force majeure, b'mod partikolari għargħar estrem u nixfiet fit-tul, jew inċidenti sinifikanti ta' tnigħġis, li jistgħu jaffettwaw lill-korpi tal-ilma downstream li jinsabu fi Stati Membri oħraejn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti għall-korpi tal-ilma downstream f'tali Stati Membri, kif ukoll il-Kummissjoni, jiġu informati minnufih u li tiġi stabilita l-kooperazzjoni meħtieġa sabiex jiġu investigati l-kawżi u jiġu indirizzati l-konsegwenzi taċ-ċirkostanzi jew l-inċidenti eċċeazzjonali.”;

#### *Emenda*

4a. Fil-każ ta' ċirkostanzi eċċeazzjonali ta' oriġini naturali jew force majeure, b'mod partikolari għargħar estrem u nixfiet fit-tul, jew inċidenti sinifikanti ta' tnigħġis, li jistgħu jaffettwaw lill-korpi tal-ilma downstream li jinsabu fi Stati Membri oħraejn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti għall-korpi tal-ilma downstream f'tali Stati Membri, kif ukoll il-Kummissjoni, jiġu informati minnufih u li tiġi stabilita l-kooperazzjoni meħtieġa sabiex jiġu investigati l-kawżi u jiġu indirizzati l-konsegwenzi taċ-ċirkostanzi jew l-inċidenti eċċeazzjonali.;

***L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ukoll lil Stati Membri oħra li jistgħu jaġi affettwati b'mod negattiv mill-inċident ta' tnigħġis rilevanti.***

***Sabiex ikomplu jittejbu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fid-distretti tal-baċċiri idrografiċi internazzjonali, fid-distretti tal-baċċiri idrografiċi internazzjonali kollha għandhom jiġu introdotti arranġamenti għal komunikazzjoni u reazzjoni f'każ ta' emerġenza.”***

## **Emenda 62**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a**

Id-Direttiva 2000/60/KE

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a – punt iv

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

(iv) l-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex inaqqsu b'mod progressiv it-tnejx minn sustanzi prioritarji u sustanzi niċċiesa spċifici għall-baċiri idrografiċi, u sabiex iwaqqfu jew jeliminaw b'mod gradwali l-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf ta' sustanzi prioritarji perikolużi.”;

#### *Emenda*

(iv) l-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex inaqqsu b'mod progressiv it-tnejx minn sustanzi prioritarji u sustanzi niċċiesa spċifici għall-baċiri idrografiċi, u sabiex iwaqqfu jew jeliminaw b'mod gradwali l-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf ta' sustanzi prioritarji perikolużi, *f'perjodu ta' żmien xieraq u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn 20 sena wara li sustanza prioritarja partikolari tiġi elenkata bħala perikoluża fil-Parti A, l-Anness I, tad-Direttiva 2008/105/KE. Dak il-perjodu ta' żmien għandu jaapplika mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' skedi ta' żmien aktar stretti fi kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni;*

## **Emenda 63**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt ba**

Id-Direttiva 2000/60/KE

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – subparagrafu 1a (għid)

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

*(ba) fil-punt (c) jiżdied is-subparagrafu 1a li ġej:*

*L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu standards jew valuri ta' limitu aktar stretti jekk meħtieġ biex jipproteġu b'mod adegwat iż-żoni elenkati fl-Anness IV ta' din id-Direttiva, inklużi żoni spċċiali ta' konservazzjoni skont id-Direttiva tal-*

*Kunsill 92/43/KEE. Programmi u miżuri meħtieġa fir-rigward ta' tali valur ta' limitu għandhom japplikaw ukoll għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 91/676/KEE.*

## Emenda 64

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a

Id-Direttiva 2000/60/KE

Artikolu 8 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti **ta' implementazzjoni sabiex** tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u metodi standardizzati għall-analiżi u l-monitoraġġ tal-istat tal-ilma f'konformità mal-Anness V **u** sabiex tistabbilixxi formati għar-rapportar tad-data dwar il-monitoraġġ u l-istatus f'konformità mal-paragrafu 4. Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2).;

*Emenda*

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti **delegati f'konformità mal-Artikolu 20a li jissupplimentaw din id-Direttiva billi jistabbilixxu** speċifikazzjonijiet tekniċi u metodi standardizzati għall-analiżi u l-monitoraġġ tal-istat tal-ilma f'konformità mal-Anness V. **Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implementazzjoni sabiex tistabbilixxi formati għar-rapportar tad-data dwar il-monitoraġġ u l-istatus f'konformità mal-paragrafu 4. Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2).;**

*Ġustifikazzjoni*

*L-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u metodi standardizzati tissodisfa l-kriterji għall-atti delegati.*

## Emenda 65

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt aa (ġidid)

Id-Direttiva 2000/60/KE

Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(aa) jiżdied il-paragrafu li ġej:*

*“3a. Sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tippubblika valutazzjoni komprensiva dwar l-applikazzjoni possibbli ta’ sistemi ta’ monitoraġġ tat-tniġġis (online) kontinwi, preċiżi, u f’ħin reali tal-kejl tal-kwalità tal-ilma, inklużi aspetti ta’ fattibbiltà ekonomika u teknika ta’ tali sistemi rilevanti għall-Istati Membri, kif ukoll l-użu ta’ standards armonizzati.*

*Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tadotta att ta’ implementazzjoni, f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 21(2), biex tistabbilixxi standards armonizzati għall-monitoraġġ tal-ilma online.”*

## Emenda 66

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b

Id-Direttiva 2000/60/KE

Artikolu 8 - paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data ta’ monitoraġġ individwali disponibbli miġbura f’konformità **mal-punt 1.3.4 tal-Anness V u l-istatus li jirriżulta f’konformità mal-Anness V ikunu disponibbli **għall-pubbliku u għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)** mill-anqas darba fis-sena b’mod elettroniku f’format li jinqara mill-magni f’konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*, mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\* u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*\*. Għal dawn l-għanijiet, l-Istati Membri għandhom jużaw il-formati stabbiliti f’konformità mal-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu.**

#### *Emenda*

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data ta’ monitoraġġ individwali disponibbli miġbura f’konformità **mal-punti 1.3.4 u 2.4.3** tal-Anness V u l-istatus li jirriżulta f’konformità mal-Anness V ikunu disponibbli ikunu disponibbli għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) **u, mingħajr dewmien bla bżonn u b’mod faciilment aċċessibbli, għall-pubbliku** mill-anqas darba fis-sena b’mod elettroniku f’format li jinqara mill-magni f’konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*, mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\* u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*\*. Għal dawn l-għanijiet, l-Istati Membri għandhom jużaw il-formati

stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta'  
dan l-Artikolu.

## Emenda 67

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)

Id-Direttiva 2000/60/KE

Artikolu 11 – paragrafu 1

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

1. Kull Stat Membru jrid jiżgura li jkun stabbilit għal kull distrett tal-baċin tax-xmara, jew għall-parti ta' **distrett internazzjonali tal-baċin tax-xmara** fi ħdan it-territorju tiegħu, programm ta' miżuri, b'konsiderazzjoni tar-riżultati ta' l-analiżi meħtieġa taħt l-Artikolu 5, sabiex jinkisbu l-għanijiet imwaqqfa taħt l-Artikolu 4. Dawn il-programmi ta' miżuri jistgħu jirreferu għal miżuri li joħorġu minn legħażżejjekk adottata f'livell nazzjonali u tkopri t-territorju kollu ta' Stat Membru. Fejn hu xieraq, Stat Membru jista' jadotta miżuri applikabbi għad-distretti kollha tal-baċin tax-xmara u/jew il-parti ta' distretti internazzjonali tal-baċin tax-xmara li jaqa' fi ħdan it-territorju tiegħu.

#### *(7a) l-Artikolu 11(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“1. Kull Stat Membru jrid jiżgura li jkun stabbilit għal kull distrett tal-baċin tax-xmara, jew għall-parti ta' **distrett tal-baċiri idrografiċi internazzjonali** fi ħdan it-territorju tiegħu, programm ta' miżuri, b'konsiderazzjoni tar-riżultati ta' l-analiżi meħtieġa taħt l-Artikolu 5, sabiex jinkisbu l-għanijiet imwaqqfa taħt l-Artikolu 4. **Tali programmi ta' miżuri għandhom jagħtu prioritā lill-miżuri ta' kontroll tas-sors f'konformità mal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni dwar it-tnejx. Il-miżuri fil-punt tar-rimi għandhom jiġi applikati barra l-miżuri ta' kontroll tas-sors meta jkun hemm riskju li miżuri ta' kontroll tas-sors jaf ma jirnexx ilhomx jiksbu status tajjeb tal-korpi tal-ilma.** Dawn il-programmi ta' miżuri jistgħu jirreferu għal miżuri li joħorġu minn legħażżejjekk adottata f'livell nazzjonali u tkopri t-territorju kollu ta' Stat Membru. Fejn hu xieraq, Stat Membru jista' jadotta miżuri applikabbi għad-distretti kollha tal-baċin tax-xmara u/jew il-parti ta' distretti internazzjonali tal-baċin tax-xmara li jaqa' fi ħdan it-territorju tiegħu. **Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa gwida dwar l-aħjar prattiki għall-miżuri ta' kontroll tas-sors u l-komplementarjetà ta' miżuri fil-punt tar-rimi.”**

(02000L0060)

## Emenda 68

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7b (ġdid)

Id-Direttiva 2000/60/KE

Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt c

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

**(7b) fl-Artikolu 11(3), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:**

(c) miżuri biex jippromwov użu effiċjenti u sostenibbli ta' l-ilma sabiex ma tkunx kompromessa il-kisba ta' l-għanijiet spċifikati fl-Artikolu 4;

“(c) miżuri biex jippromwov użu effiċjenti u sostenibbli tal-ilma, **inkluż fl-agrikoltura**, sabiex ma tkunx kompromessa l-kisba tal-għanijiet spċifikati fl-Artikolu 4;”

(02000L0060)

## Emenda 69

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Id-Direttiva 2000/60/KE

Artikolu 11 – punt – inċiż 2

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

**(8a) l-Artikolu 11(5), l-inċiż 2, huwa sostitwit b'dan li ġej:**

– awtorizzazzjonijiet u permessi relevanti huma eżaminati u riveduti kif xieraq,

“– awtorizzazzjonijiet u permessi relevanti huma eżaminati u riveduti **u, f'każijiet debitament iġġustifikati, sospiżi**, kif xieraq,”

(02000L0060)

## Emenda 70

### Proposta għal direttiva

## **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**

Id-Direttiva 2000/60/KE

Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Il-Kummissjoni għandha twieġeb għal kwalunkwe notifika minn Stat Membru fi żmien sitt xhur. Meta l-kwistjoni tikkonċerna nuqqas li jintlaħaq status kimiku tajjeb, il-Kummissjoni għandha taġixxi skont l-Artikolu 7a tad-Direttiva 2008/105/KE.*

## **Emenda 71**

**Proposta għal direktiva**

### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**

Id-Direttiva 2000/60/KE

Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jirrispondu lil xulxin fil-ħin, u mhux aktar tard minn **3 xhur** wara n-notifika minn Stat Membru ieħor f'konformità mal-paragrafu 1.

L-Istati Membri għandhom jirrispondu lil xulxin fil-ħin, u mhux aktar tard minn **xahrejn** wara n-notifika minn Stat Membru ieħor f'konformità mal-paragrafu 1.

## **Emenda 72**

**Proposta għal direktiva**

### **Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 9a (ġdid)**

Id-Direttiva 2000/60/KE

Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(9a) fl-Artikolu 13, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*

*“4a. Il-Kummissjoni għandha tirrifjuta l-pjanijiet ta’ mmaniġġjar tal-bacın tax-xmara ppreżentati mill-Istati Membri meta dawn il-pjanijiet ma jinkludux l-elementi elenkti fl-Anness VII.”*

## Emenda 73

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9a (ġidid)

Direttiva 2000/60/KE

Artikolu 14a (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(9a) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

*“Artikolu 14a*

*Aċċess għall-ġustizzja*

1. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, skont il-liġi nazzjonali, il-membri tal-pubbliku li għandhom interess suffiċjenti jew li jallegaw indeboliment ta' dritt, ikollhom aċċess għal proċedura ta' rieżami quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabilit bil-liġi biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali tad-deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet kollha skont din id-Direttiva li jikkonċernaw, fost l-oħrajn:*

*(a) pjanijiet u proġetti li jistgħu jmorrū kontra r-rekwiżiti tal-Artikolu 4, inkluż għall-prevenzjoni tad-deterjorament tal-istat tal-korpi tal-ilma u għall-kisba ta' stat tajjeb tal-ilma, potenzjal ekoloġiku tajjeb u/jew stat kimiku tajjeb tal-ilma, sal-punt li dawk ir-rekwiżiti mhumiex digħi previsti fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2011/92/UE;*

*(b) il-programmi ta' miżuri msemmija fl-Artikolu 11, il-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 13(1) u l-programmi supplimentari tal-Istati Membri jew il-pjanijiet ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 13(5).*

2. *L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw x'jikkostitwixxi interess suffiċjenti u indeboliment ta' dritt, b'mod li huwa konsistenti mal-objettiv li l-pubbliku jingħata aċċess wiesa' għall-*

*ġustizzja. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, kwalunkwe organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-ħarsien tal-ambjent u li tissodisfa r-rekwiżiti rilevanti skont il-liġi nazzjonali għandha titqies li għandha drittijiet li jistgħu jiġu indeboliti u l-interess tagħhom għandu jitqies suffiċjenti.*

*3. Il-proċeduri ta' rieżami msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu ġusti, ekwi u kkompletati fil-ħin, u m'għandhomx ikunu għaljin b'mod projibb. Dawk il-proċeduri għandhom jinvolvu wkoll l-għoti ta' rimedju adegwat u effettiv, inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni meta jkun xieraq.*

*4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni praktika tkun magħmula disponibbli għall-publiku dwar l-aċċess għall-proċeduri ta' rieżami amministrativi u ġudizzjarji msemmija f'dan l-Artikolu.”*

#### **Emenda 74**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**

Direttiva 2000/60/KE

Artikolu 15 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(10) fl-Artikolu 15, jitħassar il-paragrafu 3;**

*imħassar*

#### **Emenda 75**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)**

Direttiva 2000/60/KE

Artikolu 15 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(10a) fl-Artikolu 15(3) jiddahħhal is-**

*subparagrafu li ġej:*

*Il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida u mudelli dwar il-kontenut, l-istruttura u l-format tar-rapporti interim imsemmija fl-ewwel subparagrafu, mhux aktar tard minn [sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].*

### **Emenda 76**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt b**

Direttiva 2000/60/KE

Artikolu 18 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(b) jitħassar il-paragrafu 4;**

*imħassar*

### **Emenda 77**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18a (ġidid)**

Direttiva 2000/60/KE

Anness VII – Parti A – punt (7.7.a) (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(18a) Fl-Anness VII, il-Parti A, jiddaħħal il-punt li ġej:*

*“7.7a. sommarju tal-miżuri meħuda għad-diġitalizzazzjoni tal-aspetti ta’ monitoraġġ tas-settur tal-ilma; ”*

### **Emenda 78**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20**

Direttiva 2000/60/KE

Anness X

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(20) jitħassar l-Anness X.**

**(20) jitħassru l-Annessi IX u X.**

## **Emenda 79**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – parti introduttoria

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art bl-għan li jintlaħqu l-objettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 4(1), il-punt (b), tad-Direttiva 2000/60/KE. Dawk il-miżuri jinkludu dawn li ġejjin:

#### *Emenda*

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art bl-għan li jintlaħqu l-objettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 4(1), il-punt (b), tad-Direttiva 2000/60/KE. *Il-ġerarkija tal-miżuri li għandhom jittieħdu għandha tipprijoritizza r-restrizzjonijiet u miżuri oħra ta' kontroll fis-sors, mingħajr preġudizzju għall-importanza ta' miżuri fil-punt tar-rimi, meta jkun xieraq.* Dawk il-miżuri jinkludu dawn li ġejjin:

## **Emenda 80**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ba (ġidid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

*(ba) kriterji għall-valutazzjoni tal-istat ekoloġiku tajjeb tal-ilma ta' taħt l-art.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Huma meħtieġa kriterji għall-valutazzjoni biex jiġu protetti l-ekosistemi akkwatiċi u l-bijodiversità tagħhom.*

## **Emenda 81**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 – punt aa (ġidid)**

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagraphu 1a (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(aa) fil-paragrafu 1, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:**

*Il-valuri ta' limitu applikabbi għall-ilma ta' taħt l-art għandhom ikunu 10 darbiet inqas mill-EQS korrispondenti għall-ilma tal-wiċċe, ħlieff k'ażżejjiet, meta r-riskju reali għall-ekosistemi ta' taħt l-art ikun jista' jiġi stabbiliti, jista' jkun xieraq li jiġu stabbiliti valuri ta' limitu għall-ilma ta' taħt l-art f'livell differenti.*

## **Emenda 82**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 – punt c**

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(aa) fil-paragrafu 5, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:**

*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-residenti tad-distrett tal-baċir tax-xmara kkonċernat jew tal-parti tad-distrett tal-baċir tax-xmara internazzjonali li taqa' fit-territorju ta' Stat Membru jkunu infurmati adegwatamente u fil-ħin.*

## **Emenda 83**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 – punt d**

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 3 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-lista ta' valuri ta' limitu applikati fit-territorji tagħhom kull meta informazzjoni ġdida dwar sustanzi niġgħiesa, gruppi ta'

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-lista ta' valuri ta' limitu applikati fit-territorji tagħhom kull meta informazzjoni ġdida dwar sustanzi niġgħiesa, gruppi ta'

sustanzi niġgħiesa, jew indikaturi tat-tniġġis tindika li jeħtieġ li jiġi stabilit valur ta' limitu għal sustanza addizzjonali, li valur ta' limitu eżistenti jeħtieġ li jiġi mmodifikat, jew li valur ta' limitu li preċedentement kien tneħħa mil-lista jeħtieġ li jerġa' jiddaħħal. Jekk il-valuri ta' limitu rilevanti jiġu stabbiliti jew emendati fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jadattaw il-lista ta' valuri ta' limitu applikati fit-territorji tagħhom għal dawk il-valuri. ;

sustanzi niġgħiesa, jew indikaturi tat-tniġġis, **anke b'kunsiderazzjoni tal-prinċipju ta' prekawzjoni**, tindika li jeħtieġ li jiġi stabilit valur ta' limitu għal sustanza addizzjonali, li valur ta' limitu eżistenti jeħtieġ li jiġi mmodifikat, jew li valur ta' limitu li preċedentement kien tneħħa mil-lista jeħtieġ li jerġa' jiddaħħal. Jekk il-valuri ta' limitu rilevanti jiġu stabbiliti jew emendati fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jadattaw il-lista ta' valuri ta' limitu applikati fit-territorji tagħhom għal dawk il-valuri.

#### Emenda 84

##### Proposta għal direttiva

##### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 3 – paragrafu 7

*Test fis-seħħħ*

7. *Abbażi ta' l-informazzjoni provduta mill-Istati Membri skond il-paragrafu 5, il-Kummissjoni għanda tippubblika rapport sa mhux aktar tard mit-22 ta' Diċembru 2009.*

*Emenda*

**(4a) Il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

“7. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport **dwar il-valuri ta' limitu nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), sena wara li l-Istati Membri jipprovdu dik l-informazzjoni lill-ECHA f'konformità mal-paragrafu 5.”**

(02006L0118)

#### Emenda 85

##### Proposta għal direttiva

##### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 6a – paragrafu 1 – subparagraphu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha **massimu** ta' ħames sustanzi jew gruppi ta'

*Emenda*

Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha **minimu** ta' ħames sustanzi jew gruppi ta'

sustanzi ***u*** għandha *tindika* l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti. *Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħaż lu minn fost dawk is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Din il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.*

sustanzi *ta' tħassib emerġenti magħżula minn dawk is-sustanzi li dwarhom l-informazzjoni disponibbli, anke f'konformità mas-subparagrafu 4 hawn isfel, tindika li jista' jkollhom riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu, u li dwarhom id-data ta' monitoraġġ mhix suffiċjenti, ħlief fejn in-numru ta' sustanzi jew gruppi ta' sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jista' jkollhom riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku, jew permezz tiegħu, li għandhom jintagħżlu minnu huwa inqas minn ħamsa, f'liema każ il-lista ta' sorveljanza għandu jkollha dawk is-sustanzi kollha.*

*Minbarra l-għadd minimu ta' sustanzi jew gruppi ta' sustanzi, il-lista ta' sorveljanza jista' jkun fiha wkoll indikaturi ta' tniġġis.*

*Il-lista ta' sorveljanza għandha tispeċifika l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti.*

## Emenda 86

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 6a – paragrafu 1 – subparagrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Hekk kif ikunu ġew identifikati*** metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, ***dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza.***

*Emenda*

Metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula ***għandhom jiġu identifikati malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn fl-ewwel jum tax-xahar wara 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva***

*emendarja]. Hekk kif dawk il-metodi ta' monitoraġġ jiġu identifikati, il-mikroplastiks u l-ġeni ta' reżistenza magħżula għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikolu 6a(2)(1). Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll jekk l-inklużjoni ta' sulfati fl-ewwel lista' ta' sorveljanza hijex meħtieġa biex tittejjeb id-disponibbiltà tad-data dwar il-preżenza tagħhom fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.*

### **Emenda 87**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6**

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 6a – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – parti introduttiorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-ECHA għandha tħejji rapporti xjentifiċi sabiex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tas-sustanzi għal-lista ta' sorveljanza, filwaqt li tqis l-informazzjoni li ġejja:

*Emenda*

L-ECHA għandha tħejji rapporti xjentifiċi sabiex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tas-sustanzi **u l-indikaturi tat-tniġġis** għal-lista ta' sorveljanza, filwaqt li tqis l-informazzjoni li ġejja:

### **Emenda 88**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6**

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 6a – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – punt f

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) proġetti ta' riċerka u pubblikazzjonijiet xjentifiċi, inkluża informazzjoni dwar it-tendenzi u **l-previżjonijiet** ibbażati fuq l-immudellar jew valutazzjonijiet ta' tbassir oħrajn **u data u** informazzjoni minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati *in situ*, jew mid-data xjentifika

*Emenda*

(f) proġetti ta' riċerka u pubblikazzjonijiet xjentifiċi **u evidenza**, inkluża informazzjoni dwar **l-impatt tal-kontaminanti materjali u termali kif ukoll l-impatti tal-attivitàjet estrattivi u infrastrutturali ta' fuq l-art u ta' taħt l-art fuq l-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art u ekosistemi dipendenti fuq l-ilma ta' taħt l-art u l-bijodiversità tagħhom, l-**

taċ-ċittadini, *li jisfruttaw l-opportunitajiet* offruti mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data;

*informazzjoni dwar* it-tendenzi u *t-tbassir* ibbażati fuq l-immudellar jew valutazzjonijiet ta' tbassir oħrajn, *kif ukoll* informazzjoni *u data miġbura* minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-din ja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati *in situ*, jew mid-data xjentifika taċ-ċittadini, *billi jittieħed vantaġġ mill-opportunitajiet* offruti mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data;

### Emenda 89

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 6a – paragrafu 2 – subparagraphu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-ewwel lista ta' sorveljanza għandha tīgħi stabilita sa .. [OP jekk jogħġbok dahlal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-lista ta' sorveljanza għandha tīgħi aġġornata kull 36 xahar minn hemm 'il quddiem.

#### *Emenda*

L-ewwel lista ta' sorveljanza għandha tīgħi stabilita sa .. [OP jekk jogħġbok dahlal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-lista ta' sorveljanza għandha tīgħi aġġornata *mill-anqas* kull 36 xahar minn hemm 'il quddiem *jew b'mod aktar frekwenti jekk toħroġ evidenza xjentifika ġdidha li teħtieġ il-lista tīgħi aġġornata fil-perjodu interim bejn ir-rieżamijiet individwali.*

### Emenda 90

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 6a – paragrafu 2 – subparagraphu 1a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

*L-Istati Membri għandhom jevalwaw kull sentejn l-impatt fuq il-kwalità tal-ilma tal-aktivitjet industrijali relatati mat-tranżizzjoni enerġetika u jinfurmaw lill-*

*Kummissjoni dwar theddid ġdid identifikat sabiex tkun tista' ta' tagħġonna il-lista ta' sorveljanza skont dan. L-evalwazzjoni għandha tkun faciżment aċċessibbli għall-pubbliku.*

## Emenda 91

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 6a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Kull Stat Membru għandu jagħżel mill-anqas **stazzjon** ta' monitoraġġ wieħed, flimkien man-numru ta' stazzjonijiet ugwali għall-erja totali tiegħu f'km<sup>2</sup> ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art diviża **b'60 000** (arrotondati għall-eqreb numru sħiħ).

*Emenda*

Kull Stat Membru għandu jagħżel mill-anqas **żewġ stazzjonijiet** ta' monitoraġġ, flimkien man-numru ta' stazzjonijiet ugwali għall-erja totali tiegħu f'km<sup>2</sup> ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art diviża **bi 30 000** (arrotondati għall-eqreb numru sħiħ).

## Emenda 92

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 6a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(6a) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:**

**“Artikolu 6aa**

***Titjib tal-protezzjoni tal-eksosistemi tal-ilma ta' taħt l-art***

*Il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard minn [OP: jekk jogħġebok dahħħal id-data = erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], tippubblika valutazzjoni tal-impatti ta' elementi fiżikokimiċi, bħall-pH, l-ossiġenazzjoni u t-temperatura, fuq is-saħħha tal-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art, akkumpanjata minn, meta jkun xieraq, minn proposta leġiżlattiva biex tirrevedi din id-Direttiva*

*skont dan, sabiex tistabbilixxi l-parametri korrispondenti, tipprova metodi ta' monitoraġġ armonizzat, u tiddefinixxi x'jista' jikkostitwixxi "status ekoloġiku tajjeb" għall-ilma ta' taħt l-art."*

### **Emenda 93**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6b (ġidid)**

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 6ab (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(6b) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:**

**"Artikolu 6ab**

*Trattament speċifiku għal żoni ta' valur ekoloġiku għoli, vulnerabbiltà jew tniġġis*

*Il-Kummissjoni għandha, ... [sa mhux aktar tard minn erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], tippubblika valutazzjoni tal-istatus kimiku ta' żoni karatterizzati minn valur ekoloġiku għoli, vulnerabbiltà jew tniġġis, bħal għerien u żoni karstiċi, siti li qabel kienu industrijali u żoni oħra b'kontaminazzjoni storika magħrufa, akkumpanjata, meta jkun xieraq, bi proposta leġiżlattiva biex tirrevedi din id-Direttiva."*

### **Emenda 94**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6c (ġidid)**

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 6ac (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(6c) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:**

**"Artikolu 6ac**

*Sa mhux aktar tard minn... [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-*

*Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni tal-impatt li jeżamina l-inklużjoni f'din id-Direttiva ta' mekkaniżmu ta' responsabbiltà estiżza tal-produttur, sabiex tiżgura li l-produtturi li jqiegħdu l-prodotti fis-suq li jkun fihom kwalunkwe sustanza jew kompost elenkti fl-Anness I, kif ukoll sustanzi ta' tħassib emerġenti inklużi fil-lista ta' sorveljanza skont din id-Direttiva, jikkontribwixxu għall-kostijiet tal-programmi ta' monitoraġġ imfassla skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2000/60/KE. Il-valutazzjoni tal-impatt għandha tkun akkumpanjata, meta jkun xieraq, bi proposta leġiżlattiva biex din id-Direttiva tiġi riveduta.”*

### **Emenda 95**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6d (ġidid)**

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 6ad (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(6d) Jiddahħhal l-Artikolu li ġej:*

*“Artikolu 6ad*

*Faċilità Ewropea ta' Monitoraġġ*

*Il-Kummissjoni għandha sa ... [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], tistabbilixxi faċilità ta' monitoraġġ konġunta biex tiġġestixxi r-rekwiżiti ta' monitoraġġ meta tkun mitluba dan mill-Istati Membri.*

*Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi l-funzjonament ta' faċilità ta' monitoraġġ li għandha tkopri, inter alia, dan li ġej:*

*(a) in-natura volontarja tal-użu tal-faċilità ta' monitoraġġ, li għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti diġi stabbiliti mill-Istati Membri;*

*(b) il-proċeduri operazzjonali għall-Istati Membri li għandhom l-intenzjoni*

*jagħmlu użu mill-faċilità ta' monitoraġġ, li għandhom, inter alia, jinkludu n-notifika meħtieġa lill-Kummissjoni tal-ħtiġijiet jew kapaċitajiet preċiżi ta' monitoraġġ, il-protokolli eżatt għall-ġestjoni tal-kampjuni, kif ukoll it-tul ta' żmien li biħsiebhom jibqgħu parti mill-mekkaniżmu;*

*(c) is-sorsi ta' finanzjament, li jistgħu jinkludu l-fondi strutturali u l-programmi tal-Unjoni, kif ukoll kontribuzzjonijiet mis-settur privat, inkluż fl-ambitu tal-mekkaniżmu tar-responsabbiltà estiżza tal-produttur, ladarba jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 6ac.”*

## **Emenda 96**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 8 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa ... [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = **sitt** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħħ ta' din id-Direttiva] u kull **sitt** snin minn hemm ‘il quddiem, il-lista ta’ sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandardi ta’ kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f’dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta’ sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti B tal-Anness II.

#### *Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa ... [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = **erba'** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħħ ta' din id-Direttiva] u kull **erba'** snin minn hemm ‘il quddiem, il-lista ta’ sustanzi niġġiesa stabbilita fl-Anness I u l-istandardi ta’ kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f’dak l-Anness, kif ukoll il-lista ta’ sustanzi niġġiesa u indikaturi stabbilita fil-Parti B tal-Anness II.

## **Emenda 97**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 8 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

2. Il-Kummissjoni għandha *s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 8a*, sabiex temenda l-Anness I sabiex dan jiġi adattat għall-progress tekniku u xjentifiku billi jiżdiedu jew jitneħħew is-sustanzi li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art u l-istandard ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness **u** sabiex temenda l-Parti B sabiex din tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku billi jiżdiedu sustanzi niġġiesa jew indikaturi li għalihom l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jistabbilixxu limiti nazzjonali.

2. *Abbażi tar-rieżami*, il-Kummissjoni għandha, *meta jkun xieraq, tressaq proposti leġiżlattivi* sabiex temenda l-Anness I sabiex dan jiġi adattat għall-progress tekniku u xjentifiku billi jiżdiedu jew jitneħħew is-sustanzi li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art u l-istandard ta' kwalità għal dawk is-sustanzi niġġiesa stabbiliti f'dak l-Anness. *Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 8a*, sabiex temenda l-Parti B **tal-Anness II** sabiex din tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku billi jiżdiedu sustanzi niġġiesa jew indikaturi li għalihom l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jistabbilixxu limiti nazzjonali.

### Emenda 98

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 8 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Meta tadotta atti delegati kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 3, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rapporti xjentifiċi mħejji ja mill-ECHA skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

#### *Emenda*

4. Meta tadotta *proposti leġiżlattivi u atti delegati* kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 3, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rapporti xjentifiċi mħejji ja mill-ECHA skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

### Emenda 99

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 8 – paragrafu 6 – punt f

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(f) il-programmi ta' riċerka u l-pubblikazzjonijiet xjentifiċi tal-Unjoni, inkluża informazzjoni li tirriżulta minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta'

#### *Emenda*

(f) il-programmi ta' riċerka u l-pubblikazzjonijiet xjentifiċi tal-Unjoni, inkluża informazzjoni *aggiornata* li tirriżulta minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja

Copernicus), minn sensuri u apparati *in situ* u/jew mid-data xjentifika taċ-ċittadini, li jisfruttaw l-opportunitajiet offruti ***mill-intelliġenza*** artifiċjali u ***mill-analiżi*** u l-ipproċessar avvanzati tad-data;

(servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u apparati *in situ* u/jew mid-data xjentifika taċ-ċittadini, li jisfruttaw l-opportunitajiet offruti ***mill-aqwa tekniki disponibbli li jistgħu jinkludu l-intelliġenza*** artifiċjali u ***l-analiżi*** u l-ipproċessar avvanzati tad-data;

### **Emenda 100**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 8 – paragrafu 6 – punt g

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) il-kummenti u l-informazzjoni mill-partijiet ikkonċernati rilevanti.

*Emenda*

(g) il-kummenti u l-informazzjoni mill-partijiet ikkonċernati rilevanti, ***inklużi awtoritajiet regolatorji nazzjonali u korpi rilevanti oħra.***

### **Emenda 101**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 8 – paragrafu 6a (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***6a. Sat-12 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida tekniċi rigward metodi ta' analiżi għall-monitora għġieg ta' sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati skont il-parametri tat-“Total tal-PFAS”. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a li jemenda din id-Direttiva billi jistabbilixxi standards ta' kwalità għat-“Total tal-PFAS” u jemenda l-Anness I skont dan. Il-Kummissjoni għandha tadotta dawn l-atti delegati sat-12 ta' Jannar 2026.***

## **Emenda 102**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 8 – paragrafu 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. L-ECHA għandha, kull **6** snin, tħejji u tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jiġi fil-qosor is-sejbiet tar-rieżami msemmi fil-paragrafi 2 u 3. L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni fi ... [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = **5** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

#### *Emenda*

7. L-ECHA għandha, kull **4** snin, tħejji u tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jiġi fil-qosor is-sejbiet tar-rieżami msemmi fil-paragrafi 2 u 3. L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni fi ... [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = **3** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

## **Emenda 103**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8**

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 8a – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu **8(1)** u **(2)** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' **żmien indeterminat** minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

#### *Emenda*

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu **8(2), (3)** u **(6a)** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' **6 snin** minn ... [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].  
**Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xħur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 6 snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xħur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.**

## **Emenda 104**

### **Proposta għal direttiva**

## **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8**

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 8a – paragrafu 3

### *Test proposet mill-Kummissjoni*

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu **8(1)** u **(2)** tista' tīgi rrevokata fi-kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-publikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati digħi fis-seħħ.

### *Emenda*

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu **8(2), (3) u (6a)** tista' tīgi rrevokata fi-kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-publikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati digħi fis-seħħ.

## **Emenda 105**

**Proposta għal direttiva**

## **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8**

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 8a – paragrafu 4

### *Test proposet mill-Kummissjoni*

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

### *Emenda*

*Ma taffetwax il-verżjoni Maltija.*

## **Emenda 106**

**Proposta għal direttiva**

## **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8**

Direttiva 2006/118/KE

Artikolu 8a – paragrafu 6

### *Test proposet mill-Kummissjoni*

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu **8(1)** jew **(2)** għandu jidħol fis-

### *Emenda*

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu **8(2), (3) jew (6a)** għandu jidħol

seħħ biss jekk ma tiġix expressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien [xahrejn] min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.;

fis-seħħ biss jekk ma tiġix expressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien [xahrejn] min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

### Emenda 107

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14

Direttiva 2006/118/KE

Anness IV – parti B – punt 1 – parti introduttiorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

“il-punt tat-tluq għall-implementazzjoni tal-miżuri sabiex ireggħgu lura tendenzi ’l fuq sinifikanti u sostnuti sejkun meta l-konċentrazzjoni tas-sustanzi niġgħiesa tilħaq 75 % tal-valuri parametriċi tal-istandardi **tal-kwalità tal-ilma** ta’ taħbi l-art stabbiliti fl-Anness I u tal-valuri ta’ limitu msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (b) u (c), ġilieej jekk.”.

#### *Emenda*

“il-punt tat-tluq għall-implementazzjoni tal-miżuri sabiex ireggħgu lura tendenzi ’l fuq sinifikanti u sostnuti, **inklużi tendenzi ’l-fuq staġunali kkawżati, inter alia, minn skariki baxxi ta’ korp tal-ilma**, sejkun meta l-konċentrazzjoni tas-sustanzi niġgħiesa tilħaq 75 % tal-valuri parametriċi tal-istandardi **ta’ kwalità tal-ilma** ta’ taħbi l-art stabbiliti fl-Anness I u tal-valuri ta’ limitu msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (b) u (c), ġilieej jekk.”.

### Emenda 108

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Id-Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 1

#### *Test fis-seħħ*

Artikolu 1

Suġġett

#### *Emenda*

#### **(1a) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:**

“Artikolu 1

Suġġett

Bil-għan li jinkiseb status kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ u ***skond*** id-dispożizzjonijiet u l-objettivi tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE, din id-Direttiva tistabbilixxi standards ta' kwalità ambjentali (EQS) għal sustanzi prioritarji u ***ċerti kontaminanti oħra*** ***jinġi kif previst fl-Artikolu 16 ta' dik id-Direttiva.***

(02008L0105)

Bil-għan li jinkiseb status kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ u ***skont*** id-dispożizzjonijiet u l-objettivi tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE, din id-Direttiva tistabbilixxi standards ta' kwalità ambjentali (EQS) għal sustanzi prioritarji u ***sustanzi perikolu*** ***zgħid*** ***prioritarji.***

### Emenda 109

#### Proposta għal direttiva

##### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Id-Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Abbażi tal-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikoli 5 u 8 tad-Direttiva 2000/60/KE, u ta' data oħra disponibbli, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu inventarju, li jinkludi mapep, jekk disponibbli, tal-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf tas-sustanzi prioritarji kollha elenkti fil-Parti A tal-Anness I ta' din id-Direttiva u għas-sustanzi niġġiesa kollha elenkti fil-Parti A tal-Anness II ta' din id-Direttiva għal kull distrett ta' baċin ta' xmara jew parti minn distrett ta' baċin ta' xmara li jkun fit-territorju tagħhom, inklużi l-konċentrazzjonijiet tagħhom ta' sediment u bijota, kif xieraq.

#### *Emenda*

Abbażi tal-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikoli 5 u 8 tad-Direttiva 2000/60/KE, ***u mar-Regolament (UE).../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>***, u ta' data oħra disponibbli, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu inventarju, li jinkludi mapep, jekk disponibbli, tal-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf tas-sustanzi prioritarji kollha elenkti fil-Parti A tal-Anness I ta' din id-Direttiva u għas-sustanzi niġġiesa kollha elenkti fil-Parti A tal-Anness II ta' din id-Direttiva għal kull distrett ta' baċin ta' xmara jew parti minn distrett ta' baċin ta' xmara li jkun fit-territorju tagħhom, inklużi l-konċentrazzjonijiet tagħhom ta' sediment u bijota, kif xieraq.

---

<sup>1a</sup> ***OP: Jekk jogħġgbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument COM (2022) 157***

### Emenda 110

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a**

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*L-inventarji tal-emissjonijiet għandhom ikunu disponibbli f'bażi ta' data elettronika li tīgi aġġornata b'mod regolari u tkun faċiilment aċċessibbli għall-pubbliku.*

**Emenda 111**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a**

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*L-ewwel subparagrafu ma għandux jaapplika għall-emissjonijiet, l-iskariki u t-telf irrapportati lill-Kummissjoni b'mod elettroniku f'konformità mar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>65</sup>. ;*

*imħassar*

<sup>65</sup> OP: Jekk jogħġebok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument COM (2022) 157

**Emenda 112**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jaġġornaw l-inventarji tagħħom bħala parti mir-rieżamijiet tal-analiżijiet spċifikati fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2000/60/KE u

L-Istati Membri għandhom jaġġornaw l-inventarji tagħħom bħala parti mir-rieżamijiet tal-analiżijiet spċifikati fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2000/60/KE u

għandhom jiżguraw li l-emissjonijiet ***mhux*** irrapportati lill-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../...++, jiġu ppubblikati fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara tagħhom kif aġġornati f'konformità mal-Artikolu 13(7) ta' dik id-Direttiva.

għandhom jiżguraw li l-emissjonijiet, ***inklużi dawk*** irrapportati lill-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali stabbilit skont ir-Regolament (UE) .../...++, jiġu ppubblikati fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara tagħhom kif aġġornati f'konformità mal-Artikolu 13(7) ta' dik id-Direttiva.

### **Emenda 113**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagraphu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Għas-sustanzi prioritarji jew is-sustanzi niġġiesa koperti mir-Regolament (KE)***  
***Nru 1107/2009, l-entrati jistgħu jiġu kkalkolati bħala l-medja tat-3 snin qabel it-tlestija tal-analiżi msemmija fl-ewwel subparagraphu.***

*Emenda*

***imħassar***

### **Emenda 114**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 7a – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Għal sustanzi prioritarji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, tar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*, jew fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*, tad-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*\* jew tad-Direttiva 2010/75/UE, il-Kummissjoni għandha, ***bħala parti mir-rapport imsemmi***

*Emenda*

1. Għal sustanzi prioritarji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, tar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*, jew fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*, tad-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*\* jew tad-Direttiva 2010/75/UE, il-Kummissjoni għandha, ***kull sentejn***, tivvaluta jekk il-

***fl-Artikolu 18(1) tad-***

**Direttiva 2000/60/KE**, tivvaluta jekk il-miżuri fis-seħħ fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri humiex bizzżejjed sabiex jintlaħqu l-EQS għas-sustanzi prioritarji u l-objettiv ta' waqfien jew ta' eliminazzjoni gradwali għall-iskariki, l-emissjonijiet u t-telf ta' sustanzi prioritarji perikolużi f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2000/60/KE.

miżuri fis-seħħ fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri humiex bizzżejjed sabiex jintlaħqu l-EQS għas-sustanzi prioritarji u l-objettiv ta' waqfien jew ta' eliminazzjoni gradwali għall-iskariki, l-emissjonijiet u t-telf ta' sustanzi prioritarji perikolużi f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2000/60/KE.

**Emenda 115**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 7a – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Il-ġerarkija tal-miżuri li jeħtieġ jittieħdu għandha tagħti priorità lir-restrizzjonijiet u lil miżuri oħra ta' kontroll fis-sors.  
F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tressaq proposti biex temenda l-atti legali tal-Unjoni biex tiżgura li l-iskariki, l-emissjonijiet u t-telf tas-sustanzi prioritarji jitwaqqfu fis-sors.*

**Emenda 116**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4a (ġidid)**

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 7a – paragrafu 2

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

*(4a) Fl-Artikolu 7a, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżitu tal-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu *f'konformità*

“2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżitu tal-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu *mhux aktar*

**mat-tabella stabbilita fl-Artikolu 16(4)**  
**tad-Direttiva 2000/60/KE** u għandha  
takkumpanja r-rapport tagħha bi  
kwalunkwe proposti xierqa inkluż għal  
miżuri ta' kontroll.

*tard minn sitt xhur wara l-valutazzjoni  
tagħha u għandha takkumpanja r-rapport  
tagħha bi kwalunkwe proposti xierqa  
inkluż għal miżuri ta' kontroll.*

(02008L0105)

### **Emenda 117**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 8 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa ... [OP:  
jekk jogħġbok daħħal id-data = **6** snin wara  
d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-  
Direttiva] u kull **6** snin minn hemm 'il  
quddiem, il-lista ta' sustanzi niċċiesa  
stabbilita fl-Anness I u l-istandardi ta'  
kwalità għal dawk is-sustanzi niċċiesa  
stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista  
ta' sustanzi niċċiesa u indikaturi stabbilita  
fil-Parti B tal-Anness II.

#### *Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, għall-ewwel darba sa ... [OP:  
jekk jogħġbok daħħal id-data = **4** snin wara  
d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-  
Direttiva] u kull **4** snin minn hemm 'il  
quddiem, il-lista ta' sustanzi niċċiesa  
stabbilita fl-Anness I u l-istandardi ta'  
kwalità għal dawk is-sustanzi niċċiesa  
stabbiliti f'dak l-Anness, kif ukoll il-lista  
ta' sustanzi niċċiesa u indikaturi stabbilita  
fil-Parti B tal-Anness II.

### **Emenda 118**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 8 – paragrafu 2 – parti introduttiorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni għandha **s-setgħa li  
tadotta atti delegati**, wara li tqis ir-rapporti  
xjentifiċi mħejji ja mill-Aġenzija Ewropea  
għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) skont il-  
paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu,  
**f'konformità mal-Artikolu 9a** sabiex  
temenda l-Anness I sabiex tadattah għall-

#### *Emenda*

2. **Abbażi tar-rieżami**, il-Kummissjoni  
għandha, **meta jkun xieraq, tressaq  
proposti leġiżlattivi**, wara li tqis ir-rapporti  
xjentifiċi mħejji ja mill-Aġenzija Ewropea  
għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) skont il-  
paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, sabiex  
temenda l-Anness I sabiex tadattah għall-

progress xjentifiku u teknoloġiku billi:

progress xjentifiku u teknoloġiku billi:

### **Emenda 119**

#### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) ir-riskju maħluq mis-sustanzi niċċiesa, inkluż il-periklu tagħhom, il-konċentrazzjonijiet ambjentali tagħhom u l-konċentrazzjoni li 'l fuq minnha jistgħu jkunu mistennija l-effetti;

#### *Emenda*

(a) ir-riskju maħluq mis-sustanzi niċċiesa, inkluż il-periklu tagħhom, il-konċentrazzjonijiet ambjentali tagħhom u l-konċentrazzjoni li 'l fuq minnha jistgħu jkunu mistennija l-effetti, ***inklużi l-effetti kumulattivi tagħhom***;

### **Emenda 120**

#### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 8 - paragrafu 6 a (ġidid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

*6a. Sat-12 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida tekniċi rigward il-metodi ta' analiżi għall-monitoraġġ ta' sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati skont il-parametri tat-“Total tal-PFAS”. Sat-12 ta' Jannar 2026, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 9a li jemenda din id-Direttiva billi tistabbilixxi standard għat-“Total tal-PFAS” u li jemenda l-Anness I skont dan.*

### **Emenda 121**

#### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 8 – paragrafu 6b (ġidid)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*6b. Sa... [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida tekniċi rigward metodi ta' analiżi għall-monitoraġġ ta' bisfenoli, inklużi mill-anqas bisfenol-A, bisfenol-B u bisfenol-S, skont il-parametru "Total tal-Bisfenoli". Sa... [tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 9a li jemenda din id-Direttiva billi jistabbilixxi EQS għat- "Total tal-Bisfenoli" bl-użu ta' approċċ ta' fattur ta' potenza relativ, u għandha tirrieżżamina l-Anness I skont dan.*

### **Emenda 122**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 8 – paragrafu 7

*Test propos mill-Kummissjoni*

7. L-ECHA għandha, kull **6** snin, tħejji u tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tar-rapporti xjentifiċi stabbiliti taħt il-paragrafu 6. L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni fi ... [OP: Jekk jogħġgbok daħħal id-data = **5** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

*Emenda*

7. L-ECHA għandha, kull **4** snin, tħejji u tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tar-rapporti xjentifiċi stabbiliti taħt il-paragrafu 6. L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni fi ... [OP: Jekk jogħġgbok daħħal id-data = **3** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

### **Emenda 123**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6**

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 8a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-Istati Membri ***jistgħu*** jippreżentaw il-firxa ta' kwalunkwe devjazzjoni mill-valur tal-EQS għas-sustanzi msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c), fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara prodotti f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2000/60/KE. L-Istati Membri li jipprovdu mapep addizzjonali kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandhom ifittxu li jiżguraw l-interkomparabbiltà tagħhom fil-livell tal-baċiri tax-xmajjar u tal-Unjoni u għandhom jagħmlu d-data disponibbli f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE, mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\* u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*.

L-Istati Membri ***għandhom*** jippreżentaw il-firxa ta' kwalunkwe devjazzjoni mill-valur tal-EQS għas-sustanzi msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c), fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara prodotti f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2000/60/KE. L-Istati Membri li jipprovdu mapep addizzjonali kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandhom ifittxu li jiżguraw l-interkomparabbiltà tagħhom fil-livell tal-baċiri tax-xmajjar u tal-Unjoni u għandhom jagħmlu d-data disponibbli f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE, mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\* u mad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*.

## Emenda 124

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 8a – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri jistgħu jimmonitorjaw is-sustanzi identifikati fil-Parti A tal-Anness I bħala sustanzi li jaġixxu bħal PBTs li jinsabu kullimkien b'mod anqas intensiv minn kif meħtieġ għas-sustanzi prioritarji f'konformità mal-Artikolu 3(4) ta' din id-Direttiva u mal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE, diment li l-monitoraġġ ikun rappreżentattiv u tkun disponibbli linja bażi statistikament robusta rigward il-preżenza ta' dawk is-sustanzi fl-ambjent akkwatiku. Bħala linja gwida, f'konformità mal-Artikolu 3(6), it-tieni subparagrafu, ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-monitoraġġ isir kull 3 snin, sakemm l-ġħarfien tekniku u l-ġudizzju espert ma jiġiustifikawx intervall ieħor.

#### *Emenda*

2. L-Istati Membri jistgħu jimmonitorjaw is-sustanzi identifikati fil-Parti A tal-Anness I bħala sustanzi li jaġixxu bħal PBTs li jinsabu kullimkien ***u li m'għadhomx awtorizzati u użati fl-Unjoni*** b'mod anqas intensiv minn kif meħtieġ għas-sustanzi prioritarji f'konformità mal-Artikolu 3(4) ta' din id-Direttiva u mal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE, diment li l-monitoraġġ ikun rappreżentattiv u tkun disponibbli linja bażi statistikament robusta rigward il-preżenza ta' dawk is-sustanzi fl-ambjent akkwatiku. Bħala linja gwida, f'konformità mal-Artikolu 3(6), it-tieni subparagrafu, ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-monitoraġġ isir kull 3 snin, sakemm l-ġħarfien tekniku u l-ġudizzju espert ma jiġiustifikawx intervall ieħor.

jiġġustifikawx intervall ieħor.

## Emenda 125

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 8a – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*3a. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien 12-il xahar mill-perjodu ta' sentejn imsemmi fil-paragrafu 3, tippubblika rapport dwar l-affidabbiltà tal-metodi bbażati fuq l-effetti billi tqabbel ir-riżultati bbażati fuq l-effetti mar-riżultati miksuba bl-użu ta' metodi konvenzjonali għall-monitoraġġ tat-tliet sustanzi estroġeniċi elenkti fil-paragrafu 3 b'antiċipazzjoni ta' stabbiliment possibbli ta' valuri skattaturi bbażati fuq l-effetti fil-futur.*

*Malli l-metodi bbażati fuq l-effetti huma lesti biex jintużaw għal sustanzi oħra, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità l-Artikolu 9a biex tissupplimenta din id-Direttiva billi iżżid rekwiżit għall-Istati Membri li jużaw il-metodi bbażati fuq l-effetti, b'mod parallel mal-metodi ta' monitoraġġ konvenzjonali, biex iwettqu monitoraġġ biex jivvalutaw ukoll il-preżenza ta' sustanzi oħra fil-korpi tal-ilma.*

## Emenda 126

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 8b – paragrafu 1 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha **massimu** ta' **10** sustanzi jew grupp ta'

Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha **minimu** ta' **ħames** sustanzi jew grupp ta'

sustanzi *fi kwalunkwe ħin, u għandha tindika l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti.* *Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku, jew permezz tiegħu, u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti.* *Il-lista ta' sorveljanza għandha tħalli sustanzi ta' tħassib emerġenti.*

sustanzi *ta' tħassib emerġenti magħżula minn dawk is-sustanzi li dwarhom l-informazzjoni disponibbli, anke f'konformità mar-raba' subparagrafu hawn isfel, tindika li jista' jkollhom riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu, u li dwarhom id-data ta' monitoraġġ mhix suffiċjenti, ħlief fejn in-numru ta' sustanzi jew gruppi ta' sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jista' jkollhom riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku, jew permezz tiegħu, li għandhom jintagħżlu minnu huwa inqas minn ħamsa, f'liema każ il-lista ta' sorveljanza għandu jkollha dawk is-sustanzi kollha.*

*Minbarra l-għadd minimu ta' sustanzi jew gruppi ta' sustanzi, il-lista ta' sorveljanza jista' jkun fiha wkoll indikaturi ta' tniġġis.*

*Il-lista ta' sorveljanza għandha tispeċifika l-matriċijiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti.*

## Emenda 127

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 8b – paragrafu 1 – subparagrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Hekk kif ikunu ġew identifikati* metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, *dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza.*

*Emenda*

Metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula *għandhom jiġu identifikati malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn fl-ewwel jum tax-xahar wara 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*

*emendarja]. Hekk kif dawk il-metodi ta' monitoraġġ jiġu identifikati, il-mikroplastiks u l-ġeni ta' reżistenza magħżula għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza f'konformità mal-paragrafu 2. Il-Kummissjoni għandha wkoll tikkunsidra jekk l-inklużjoni tas-sulfati, tal-ksantati u tal-metaboliti mhux rilevanti tal-pestiċċidi (NrMs) fil-lista ta' sorveljanza hijiex meħtieġa biex tittejjeb id-disponibbiltà tad-data dwar il-preżenza tagħhom fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.*

## Emenda 128

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 85 – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – parti introduttora

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-ECHA għandha tħejji rapporti xjentifiċi sabiex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tas-sustanzi għal-lista ta' sorveljanza, filwaqt li tqis l-informazzjoni li ġejja:

*Emenda*

L-ECHA għandha tħejji rapporti xjentifiċi sabiex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tas-sustanzi **u l-indikaturi tat-tniġġis** għal-lista ta' sorveljanza, filwaqt li tqis l-informazzjoni li ġejja:

## Emenda 129

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 8b – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) proġetti ta' riċerka u pubblikazzjonijiet xjentifiċi, inkluża informazzjoni dwar it-tendenzi u **l-previżjonijiet** ibbażati fuq l-immudellar jew valutazzjonijiet ta' tbassir oħrajn **u data** u informazzjoni minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), minn sensuri u

*Emenda*

(e) proġetti ta' riċerka u pubblikazzjonijiet xjentifiċi **u evidenza**, inkluża informazzjoni dwar it-tendenzi u **t-tbassir** ibbażati fuq l-immudellar jew valutazzjonijiet ta' tbassir oħrajn, **kif ukoll** informazzjoni **u data miġbura** minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta'

apparati *in situ*, jew mid-data xjentifika taċ-ċittadini, li ***jisfruttaw l-opportunitajiet offruti*** mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data.

Copernicus), minn sensuri u apparati *in situ*, jew mid-data xjentifika taċ-ċittadini, li ***jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet ppreżentati*** mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data;

### **Emenda 130**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 8b – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-lista ta' sorveljanza għandha tiġi aġġornata sa X [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tat-23 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħi ta' din id-Direttiva], u kull 36 xahar minn hemm 'il quddiem. Meta taġġorna l-lista ta' sorveljanza, il-Kummissjoni għandha tneħħi kwalunkwe sustanza mil-lista ta' sorveljanza eżistenti li għaliha tqis li huwa possibbli li tivvaluta r-riskju tagħha għall-ambjent akkwatiku mingħajr data ta' monitoraġġ addizzjonali. Meta l-lista ta' sorveljanza tiġi aġġornata, sustanza individwali jew grupp ta' sustanzi jistgħu jinżammu fil-lista ta' sorveljanza għal perjodu ieħor ta' massimu ta' 3 snin fejn tkun meħtieġa data ta' monitoraġġ addizzjonali sabiex jiġi vvalutat ir-riskju għall-ambjent akkwatiku. Kull lista ta' sorveljanza aġġornata għandha tinkludi wkoll sustanza ġidha waħda jew aktar li għalihom il-Kummissjoni tqis, abbażi tar-rapporti xjentifiċċi tal-ECHA, li hemm riskju għall-ambjent akkwatiku.

#### *Emenda*

2. Il-lista ta' sorveljanza għandha tiġi aġġornata sa X [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tat-23 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħi ta' din id-Direttiva], u ***mill-anqas*** kull 36 xahar minn hemm 'il quddiem ***jew b'mod aktar frekwenti jekk toħroġ evidenza xjentifika li tkun teħtieġ aġġornament tal-lista fil-perjodu bejn ir-reżamijiet individwali.***

***L-Istati Membri għandhom jevalwaw kull sentejn l-impatt fuq il-kwalità tal-ilma tal-aktivitjet industrijali relatati mat-tranżizzjoni enerġetika u jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar theddid ġdid identifikat sabiex tkun tista' taġġorna il-lista ta' sorveljanza skont dan. L-***

*evalwazzjoni għandha tkun faċilment  
aċċessibbli għall-publiku.*

Meta taġgħorna l-lista ta' sorveljanza, il-Kummissjoni għandha tneħħi kwalunkwe sustanza mil-lista ta' sorveljanza eżistenti li ġaliha tqis li huwa possibbli li tivvaluta rriskju tagħha għall-ambjent akkwatiku mingħajr data ta' monitoraġġ addizzjonali. Meta l-lista ta' sorveljanza tiġi aġġornata, sustanza individwali jew grupp ta' sustanzi jistgħu jinżammu fil-lista ta' sorveljanza għal perjodu ieħor ta' massimu ta' 3 snin fejn tkun meħtieġa data ta' monitoraġġ addizzjonali sabiex jiġi vvalutat ir-riskju għall-ambjent akkwatiku. Kull lista ta' sorveljanza aġġornata għandha tinkludi wkoll sustanza ġdida waħda jew aktar li ġħalihom il-Kummissjoni tqis, abbażi tar-rapporti xjentifiċċi tal-ECHA, li hemm riskju għall-ambjent akkwatiku.

### **Emenda 131**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 8b – paragrafu 3 – subparagrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fl-għażla tal-istazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi, il-frekwenza tal-monitoraġġ u ż-żmien staġunali għal kull sustanza jew grupp ta' sustanzi, l-Istati Membri għandhom iqisu x-xejriet tal-użu u l-okkorrenza possibbli tas-sustanza jew tal-grupp ta' sustanzi. Il-frekwenza tal-monitoraġġ ma għandhiex tkun anqas minn darbejn fis-sena, ***ħlief għal sustanzi li huma sensittivi għal varjabbiltajiet klimatiċċi jew staġunali, li ġħalihom il-monitoraġġ għandu jitwettaq b'mod aktar frekventi***, kif stabbilit fl-att ta' implementazzjoni li jistabbilixxi l-lista ta' sorveljanza adottata skont il-paragrafu 1.

#### *Emenda*

Fl-għażla tal-istazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi, il-frekwenza tal-monitoraġġ u ż-żmien staġunali għal kull sustanza jew grupp ta' sustanzi, l-Istati Membri għandhom iqisu x-xejriet tal-użu u l-okkorrenza possibbli tas-sustanza jew tal-grupp ta' sustanzi. Il-frekwenza tal-monitoraġġ ma għandhiex tkun anqas minn darbejn fis-sena. ***Il-frekwenza għandha tkun oħla***, kif stabbilit fl-att ta' implementazzjoni li jistabbilixxi l-lista ta' sorveljanza adottata skont il-paragrafu 1, ***għal sustanzi li huma sensittivi għall-varjazzjonijiet klimatiċċi, inkluż l-ilma taxxita, u għal sustanzi li l-konċentrazzjoni tagħhom aktarx tilħaq il-quċċata matul***

*perjodi qosra bħala riżultat ta’ fluttwazzjonijiet staġunali fl-użu ta’ dawk is-sustanzi.*

### **Emenda 132**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7a (ġidid)**

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 8ba (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(7a) Jiddaħħal l-Artikolu 8ba li ġej:  
“Artikolu 8ba*

*Sa mhux aktar tard minn... [sena wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni tal-impatt li jeżamina l-inklużjoni f’din id-Direttiva ta’ mekkaniżmu ta’ responsabbiltà estiżja tal-produttur, sabiex tiżgura li l-produtturi li jqiegħdu l-prodotti fis-suq li jkun fihom kwalunkwe sustanza jew kompost elenkat i fl-Anness I, kif ukoll sustanzi ta’ tkhassib emerġenti inklużi fil-lista ta’ sorveljanza skont din id-Direttiva, jikkontribwixxu għall-kostijiet tal-programmi ta’ monitoraġġ imfassla skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2000/60/KE. Il-valutazzjoni tal-impatt għandha tkun akkumpanjata, meta jkun xieraq, bi proposta leġiżlattiva biex din id-Direttiva tiġi riveduta.”*

### **Emenda 133**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7b (ġidid)**

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 8bb (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(7b) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

**“Artikolu 8bb**

**Faċilità Ewropea ta’ Monitoraġġ**

*Il-Kummissjoni għandha sa... [sena wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva], tistabbilixxi faċilità ta’ monitoraġġ konġunta biex tiġġestixxi r-rekwiżiti ta’ monitoraġġ meta tkun mitluba dan mill-Istati Membri.*

*Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi l-funzjonament ta’ faċilità ta’ monitoraġġ li għandha tkopri, inter alia, dan li ġej:*

- (a) in-natura volontarja tal-użu tal-faċilità ta’ monitoraġġ, li għandha tkun mingħajr pregħidżju għall-arranġamenti digħi stabbiliti mill-Istati Membri;*
- (b) il-proċeduri operazzjonali għall-Istati Membri li għandhom l-intenżjoni jagħmlu użu mill-faċilità ta’ monitoraġġ, li għandhom, inter alia, jinkludu n-notifika meħtieġa lill-Kummissjoni tal-ħtiġijiet jew kapaċitajiet preċiżi ta’ monitoraġġ, il-protokolli eżatt għall-ġestjoni tal-kampjuni, kif ukoll it-tul ta’ żmien li biħsiebhom jibqgħu parti mill-mekkaniżmu;*
- (c) is-sorsi ta’ finanzjament, li jistgħu jinkludu fondi strutturali u programmi tal-Unjoni rilevanti, kif ukoll kontribuzzjonijiet mis-settur privat, inkluż fl-ambitu tal-mekkaniżmu tar-responsabbilità estiża tal-produtturi, ladarba tiġi stabbilita f’konformità mal-Artikolu 8ba.”*

**Emenda 134**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8**

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 8d – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*3a. Fl-iffissar u l-applikazzjoni għall-EQS għas-sustanzi niġgħiesa speċifiċi għall-bacīri idrografiċi, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-bijodisponibbiltà tal-metalli.*

### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jintużaw għodod tal-kejl adegwati.*

### **Emenda 135**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8a (ġidid)**

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 9a – paragrafu 2

#### *Test fis-seħħ*

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 8(3) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' sitt snin ***mit-13 ta' Settembru 2013***. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa ***sa mhux aktar tard minn*** disa' xħur qabel ma jintemm il-perjodu ta' sitt snin. Id-delega tas-setgħa għandha tīgi estiżza awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xħur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

#### *Emenda*

#### *(8a) L-Artikolu 9a, il-paragrafu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:*

“2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(8), ***l-Artikolu 8(3), (6a), (6b) u l-Artikolu 8a(3a)*** hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' sitt snin ***minn [OP jekk jogħġibok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva***. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa ***mill-anqas*** disa' xħur qabel ma jintemm il-perjodu ta' sitt snin. Id-delega tas-setgħa għandha tīgi estiżza awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xħur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.”

*(02008L0105)*

### **Emenda 136**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8b (ġidid)**

Direttiva 2008/105/KE  
Artikolu 9a – paragrafu 3

*Test fis-seħħ*

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(8) tista' tkun revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikkazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att ddelegat digħi fis-seħħ.

*Emenda*

**(8b) L-Artikolu 9a, il-paragrafu 3  
għandu jiġi emendat kif ġej:**

“3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(8), **l-Artikolu 8(3), (6a), (6b) u l-Artikolu 8a(3a)** tista' tkun revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikkazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att ddelegat digħi fis-seħħ.”

(02008L0105)

**Emenda 137**

**Proposta għal direktiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8c (ġidid)**

Direttiva 2008/105/KE

Artikolu 9a – paragrafu 3a (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(8c) Fl-Artikolu 9a, jiddahħhal il-paragrafu 3a:**

“3a. *Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-experti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.*”

**Emenda 138**

**Proposta għal direktiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8d (ġidid)**

Direttiva 2008/105/KE  
Artikolu 9a – paragrafu 5

*Test fis-seħħ*

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(8) għandu jidħol fis-seħħ biss meta ma jkun ġie espress l-ebda obbligu la lill-Parlament Ewropew u lanqas lill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni li huma mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Emenda*

**(8d) L-Artikolu 9a, il-paragrafu 5  
għandu jiġi emendat kif ġej:**

“5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(8), **l-Artikolu 8(3), (6a), (6b) jew l-Artikolu 8a(3a)** għandu jidħol fis-seħħ biss meta ma jkun ġie espress l-ebda obbligu la lill-Parlament Ewropew u lanqas lill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni li huma mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”

(02008L0105)

**Emenda 139**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)**

Direttiva 2000/60/KE

Anness V – punt 1.3.4 – paragrafu 4

*Test fis-seħħ*

Frekwenzi ta' monitoraġġ ***iridu*** jiġu magħżula ***li jieħdu konsiderazzjoni tal-varjabilità*** fil-parametri li jirriżultaw kemm mill-kundizzjonijiet naturali u wkoll minn dawk antropoġeniċi. Iż-żminijiet ta' meta jitwettaq monitoraġġ ***iridu*** jiġu magħżula sabiex ***jitnaqqas*** l-impatt ta' ***varjazzjoni tal-istaġuni fuq ir-riżultati***, u b'hekk jiżguraw li r-riżultati jirriflettu bdil fil-korp ***ta' l-ilma bħala riżultat ta' bdil***

*Emenda*

**(10a) Fil-punt 1.3.4, il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:**

Frekwenzi ta' monitoraġġ ***għandhom*** jiġu magħżula, ***u jiżdiedu jekk meħtieġ***, li ***jikkunsidraw il-varjabilità*** fil-parametri li jirriżultaw kemm mill-kundizzjonijiet naturali u wkoll minn dawk antropoġeniċi. ***Barra minn hekk***, iż-żminijiet ta' meta jitwettaq monitoraġġ ***għandhom*** jiġu magħżula sabiex ***jiġi kkunsidrat*** l-impatt ***fuq l-istatus tal-valutazzjoni ta' fluttwazzjonijiet staġunali fl-użu tas-***

*minħabba* pressa antropoġenika.  
*Monitoraġġ addizzjonal matul staġuni differenti tal-istess sena jridu jsiru, fejn meħtieġ, biex jinkiseb dan il-għan.*

*sustanzi u tal-varjazzjonijiet fil-livelli tal-ilma u b'hekk jiżguraw li r-riżultati jirriflettu bdil fil-korp tal-ilma kkawżati bi pressa antropoġenika u b'varjazzjoni klimatika. Fir-rigward tas-sustanzi prioritarji li huma sensittivi għal varjazzjonijiet klimatiċi u sustanzi ta' priorità li l-konċentrazzjoni tagħhom aktarx tilħaq quċċata matul perjodi qosra bħala riżultat ta' fluttwazzjonijiet staġunali fl-użu ta' dawn is-sustanzi, il-monitoraġġ għandu jsir b'mod aktar frekwenti milli għal sustanzi oħra.”*

(02000L0060)

#### **Emenda 140**

##### **Proposta għal direttiva**

##### **Anness I – paragrafu 1 – punt 18**

Direttiva 2000/60/KE

Anness V – punt 2.4.5 – subparagrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jindikaw ukoll b'tikka sewda fuq il-mappa dawk il-korpi tal-ilma ta' taħt l-art li huma soġġetti għal **xejra 'il** fuq sinifikanti u **sostnuta** fil-konċentrazzjonijiet ta' kwalunkwe sustanza niġgħiesa li tirriżulta mill-impatt tal-attività umana. It-treġġigħ lura ta' xejra għandu jiġi indikat b'tikka blu fuq il-mappa.

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jindikaw ukoll b'tikka sewda fuq il-mappa dawk il-korpi tal-ilma ta' taħt l-art li huma soġġetti għal **xejriet 'il** fuq sinifikanti u **sostnuti, inklużi** **xejriet 'il fuq ikkawżati, inter alia, minn skarika baxxa ta' korp tal-ilma**, fil-konċentrazzjonijiet ta' kwalunkwe sustanza niġgħiesa li tirriżulta mill-impatt tal-attività umana. It-treġġigħ lura ta' xejra għandu jiġi indikat b'tikka blu fuq il-mappa.

#### **Emenda 141**

##### **Proposta għal direttiva**

##### **Anness II – paragrafu 1 – punt 1**

Direttiva 2000/60/KE

Anness VIII – punt 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

10. Materjali f'sospensjoni, inklużi mikro/nanoplastiks

10. Materjali f'sospensjoni, inklużi mikro/nanoplastiks, *kif ukoll materjali magħrufa li jagħtu lok għal mikroplastiks jew nanoplastiks;*

## Emenda 142

### Proposta għal direttiva

#### Anness III

Direttiva 2006/118/KE

Anness I – Parti Introduttora

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Nota 1: Il-QS għas-sustanzi niġgħiesa elenkti taħt l-entrati 3 sa 7 għandhom japplikaw minn ... [OP: jekk jogħġgbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara **18-il xahar** mid-dħul fis-seħħħ ta' din id-direttiva emendantorja], bil-għan li jinkiseb status kimiku tajjeb tal-ilma sa mhux aktar tard mit-22 ta' Diċembru 2033.

#### *Emenda*

Nota 1: Il-QS għas-sustanzi niġgħiesa elenkti taħt l-entrati 3 sa 7 għandhom japplikaw minn ... [OP: jekk jogħġgbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara **6 xhur** mid-dħul fis-seħħħ ta' din id-direttiva emendantorja], bil-għan li jinkiseb status kimiku tajjeb tal-ilma sa mhux aktar tard mit-22 ta' Diċembru 2033.

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-istatus kimiku tajjeb għandu jintlaħaq wara t-tielet pjan ta' ġestjoni tal-baċir idroloġiku, wieħed wara dak attwali 2022-2027. Il-QS (standards ta' kwalità) għandhom jiġu stabbiliti kemm jista' jkun malajr sabiex il-miżuri jiġu kkunsidrati kif suppost fit-tielet pjan ta' ġestjoni tal-baċir idroloġiku, kif ukoll fir-rigward tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali għal sustanzi niġgħiesa industrijali, eċċ.*

## Emenda 143

### Proposta għal direttiva

#### Anness III

Direttiva 2006/118/KE

Anness I – paragrafu 1a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

*Meta, għal korporati determinat ta' ilma ta' taħt l-art, b'mod partikolari wieħed li jinsab f'network ekoloġiku ta' żoni speċjali ta' konservazzjoni taħt id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, ikun*

*kkunsidrat li l-istandard ta' kwalità tal-ilma ta' taħt l-art jistgħu jwasslu għannuqas ta' kisba tal-objettivi ambjentali speċifikati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE għall-korpi ta' ilma tal-wieċċ assoċjati, jew iwasslu għal kwalunkwe deterjorazzjoni sinifikanti tal-kwalità ekoloġika jew kimika ta' tali korpi, jew kwalunkwe ħsara sinifikanti għall-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art u terrestri li jiddependu direttament minn dak il-korp ta' ilma ta' taħt l-art, valuri ta' limitu aktar stretti għandhom jiġu stabiliti f'konformità mal-Artikolu 3 u l-Anness II ta' din id-Direttiva. Programmi u miżuri meħtieġa fir-rigward ta' tali valur ta' limitu jaapplikaw ukoll għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 91/676/KEE.*

#### **Emenda 144**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Anness III**

Direttiva 2006/118/KE

Anness I – tabella – ringiela 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

2	Sustanzi attivi fil-pestiċidi, inklużi l-metaboliti, il-prodotti ta' degradazzjoni u l-prodotti ta' reazzjoni rilevanti tagħhom (⁴)	Pestiċidi	mhux applikabbli	mhux applikabbli	<b>0,1</b> (individuali)
					<b>0,5</b> (total) (⁵)

(5) “Total” tħisser is-somma tal-pestiċidi individuali kollha skoperti u kkwantifikati fil-proċedura ta’ monitoraġġ, inklużi l-metaboliti, il-prodotti ta’ degradazzjoni u l-prodotti ta’ reazzjoni rilevanti tagħhom.

*Emenda*

2	Sustanzi attivi fil-pestiċidi, inklużi l-metaboliti, il-prodotti ta' degradazzjon i u l-prodotti ta' reazzjoni rilevanti tagħhom (⁴)	Pestiċidi	mhux applikabbli	mhux applikabbli	<b>0,05 (individwali) (⁴a)</b>
					<b>0,25 (total) (⁵)</b>

**(4a) Dan il-valur ta' limitu għandu japplika biss sakemm isir l-istħarriġ tal-Kummissjoni.**

(5) “Total” tfisser is-somma tal-pestiċidi individwali kollha skoperti u kkwantifikati fil-proċedura ta’ monitoraġġ, inklużi l-metaboliti, il-prodotti ta’ degradazzjoni u l-prodotti ta’ reazzjoni rilevanti tagħhom. **Il-valur ta’ limitu stabbilit għat-total tal-pestiċidi individwali kollha għandu japplika biss sakemm isir ir-rieżami tal-Kummissjoni.**

#### Emenda 145

##### Proposta għal direttiva

##### Anness III

Direttiva 2006/118/KE

Anness I – tabella – ringiela 5a (ġidida)

*Test propos mill-Kummissjoni*

##### Emenda

3a	PFAS - total	Sustanzi industrijali	mhux applikabbli	mhux applikabbli	(⁷a)

**(7a) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-istandard ta’ kwalità permezz ta’ att delegat.**

#### Emenda 146

##### Proposta għal regolament

##### Anness III

Direttiva 2006/118/KE

Anness I – tabella – ringiela 6

*Test propos mill-Kummissjoni*

4	Karbamażepin a	Farmaċewtiċi	298-46-4	mhux applikabbli	<b>0,25</b>

---

*Emenda*

4	Karbamażepin a	Farmaċewtiċi	298-46-4	mhux applikabbli	<b>0,025</b>
---	----------------	--------------	----------	------------------	--------------

*Ġustifikazzjoni*

*Mhuwiex xieraq li jiġi stabbilit l-istess standard ta' kwalità għall-ilma ta' taħt l-art bħal dak għall-ilmijiet tal-wiċċ. B'mod ġenerali, l-istandard ta' kwalità għall-ilma ta' taħt l-art għandu jkun għaxar darbiet anqas minn dak tal-ilma tal-wiċċ. Peress li l-EQS għall-karbamażepina fl-ilma tal-wiċċ ġie stabbilit għal 0,25 µg/l, l-istandard ta' kwalità għall-karbamażepina fl-ilma ta' taħt l-art għandu jiġi stabbilit għal 0,025 µg/l.*

**Emenda 147**

**Proposta għal direttiva**

**Anness III**

Direttiva 2006/118/KE

Anness I – tabella – ringiela 8

*Test propos mill-Kummissjoni*

6	Sustanzi attivi farmaċewtiċi – total (⁸)	Farmaċewtiċi	mhux applikabbli	mhux applikabbli	<b>0,25</b>
---	--	--------------	------------------	------------------	-------------

*Emenda*

6	Sustanzi attivi farmaċewtiċi – total (⁸)	Farmaċewtiċi	mhux applikabbli	mhux applikabbli	<b>0,025</b>
---	--	--------------	------------------	------------------	--------------

**Emenda 148**

**Proposta għal direttiva**

**Anness III**

Direttiva 2006/118/KE

Anness I – tabella – ringiela 9

*Test propos mill-Kummissjoni*

7	Metaboliti mhux rilevanti ta' pestiċidi (nrMs)	Pestiċidi	mhux applikabbli	mhux applikabbli	0.1 (⁹) jew 1 (¹⁰) jew 2,5 jew 5 (¹¹) (individwali)
					0.5 (⁹) jew 5 (¹⁰) jew 12,5 (¹¹) (total) (¹²)

---

**(9) Applikabbli għal nrMs “fqar fid-data”, jiġifieri nrMs li għalihom ma hemm l-ebda data sperimentalisti affidabbli dwar l-effetti kroniċi jew akuti tal-nrM disponibbli fuq il-grupp**

tassonomiku li huwa mbassar b'mod kunfidenti li huwa l-aktar sensittiv.

(10) *Applikabbbli għal nrMs “b'aċċess ġust għad-data”, jiġifieri nrMs li għalihom hemm data sperimentali affidabbbli dwar l-effetti kroniċi jew akuti tal-nrM disponibbli fuq il-grupp tassonomiku li huwa mbassar b'mod kunfidenti li huwa l-aktar sensittiv, iżda fejn id-data ma hijex biżżejjed sabiex is-sustanzi jikkwalifikaw bħala “għonja fid-data”.*

(11) *Applikabbbli għal nrMs “għonja fid-data”, jiġifieri nrMs li għalihom hemm data sperimentali affidabbbli, jew data affidabbbli bl-istess mod miksuba b'metodi alternattivi vvalidati b'mod xjentifiku, disponibbli fuq l-effetti kroniċi jew akuti tal-nrM fuq mill-anqas speċi waħda kull waħda ta' alka, ta' invertebrati, u ta' ħut, li jippermetti li l-grupp tassonomiku l-aktar sensittiv jiġi kkonfermat b'mod kunfidenti, u li għali QS jista' jiġi kkalkolat bl-użu ta' approċċ deterministiku bbażat fuq data affidabbbli dwar it-tossiċità sperimentali kronika fuq dak il-grupp tassonomiku; għal dan il-fini l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-aħħar gwida stabbilita fil-qafas tal-istrateġija ta' Implantazzjoni Komuni għad-Direttiva 2000/60/KE (id-Dokument ta' Gwida Nru 27, kif aġġornat). Il-QS ta' 2,5 għal nrMs individuali għandu japplika sakemm il-QS ikkalkolat permezz tal-approċċ deterministiku ma jkunx oħla, f'liema każ għandu japplika QS ta' 5.*

(12) “Total” tfisser is-somma tal-nrMs individuali kollha f'kull kategorija ta' data skoperta u kkwantifikata fil-proċedura ta' monitoraġġ.

### Emenda

7	Metaboliti mhux rilevanti ta' pestiċidi (nrMs)	Pestiċidi	mhux applikabbbli	mhux applikabbbli	0,1 (individuali)
					0,5 (total) (12)

(12) “Total” tfisser is-somma tal-nrMs individuali kollha f'kull kategorija ta' data skoperta u kkwantifikata fil-proċedura ta' monitoraġġ.

### Emenda 149

#### Proposta għal direttiva

#### Anness IV – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Direttiva 2006/118/KE

Anness II – parti B - titolu

Test fis-seħħħ

Emenda

*(1a) fil-parti B, it-titlu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

Listi minimi ta' pollutanti u l-indikaturi tagħhom li għalihom l-istati Membri Għandhom **jikkunsidraw l-istabbiliment ta' valuri ta' limitu skond L-Artikolu 3**

“Listi minimi ta' pollutanti u l-indikaturi tagħhom li għalihom l-istati Membri għandhom **jistabbilixxu valuri ta' limitu f'konformità mal-Artikolu 3”**

(02006L0118)



**Emenda 150****Proposta għal direttiva****Anness V – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2008/105/KE

Anness I – tabella – ringiela 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
(3)	Atra żina	Erbi čidi	191 2- 24-9	217- 617- 8	<b>0,6</b>	<b>0,6</b>	2,0	2,0				

*Emenda*

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
(3)	Atra żina	Erbi čidi	191 2- 24-9	217- 617- 8	<b>0,1</b>	<b>0,01</b>	2,0	2,0				

**Emenda 151****Proposta għal direttiva****Anness V – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2008/105/KE

Anness I – tabella – ringiela 76

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
(60)	Glif osat	Erbi čidi	107 1- 83-6	213- 997- 4	<b>0,1</b> <sup>(25)</sup> <b>86,7</b> <sup>(26)</sup>	<b>8,67</b>	398, 6	39,8 6				

**(25) Għall-ilma ħelu użat għall-astrazzjoni u l-preparazzjoni tal-ilma tax-xorb.**

**(26) Għall-ilma ħelu mhux użat għall-astrazzjoni u l-preparazzjoni tal-ilma tax-xorb.**

*Emenda*

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
(60)	Glif osat	Erbi čidi	107 1- 83-6	213- 997- 4	<b>0,1</b>	<b>0,01</b>	398, 6	39,8 6				

**Emenda 152**

**Proposta għal direttiva**

**Anness V – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2008/105/KE

Anness I – tabella – ringiela 86a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

---

*Emenda*

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
70a	<i>Bisf enol i</i>	<i>Kim iċi indu strij ali</i>	<i>mhu x appl ikab bli</i>	<i>mhu x appl ikab bli</i>	*	*	*	*				

---

*\*Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-istandard ta' kwalità permezz ta' att delegat.*

**Emenda 153**

**Proposta għal direttiva**

**Anness V – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2008/105/KE

Anness I – tabella – ringiela 86b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
<i>70b</i>	<i>PFA S - total</i>	<i>Kim iċi indu strij ali</i>	<i>mhu x appl ikab bli</i>	<i>mhu x appl ikab bli</i>	*	*	*	*				

---

*\*Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-istandard ta' kwalità permezz ta' att delegat.*

**Emenda 154**

**Proposta għal direttiva**

**Anness V – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2008/105/KE

Anness I – tabella – ringiela 86c (ġidida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

	(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
70c		<i>Sust anzi attiv i far maċ ewti ċi - total</i>	<i>Far maċ ewti ċi</i>	<i>mhu x appl ikab bli</i>	<i>mhu x appl ikab bli</i>	<i>0,25</i>	<i>0,02</i>						

## **Emenda 155**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Anness VI**

Direttiva 2008/105/KE

Anness II – Parti A – punt 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

10. Materjali f'sospensjoni, inklużi mikro/nanoplastiks

*Emenda*

10. Materjali f'sospensjoni, inklużi mikro/nanoplastiks, ***kif ukoll materjali magħrufa li jagħtu lok għal mikroplastiks jew nanoplastiks;***

## **Emenda 156**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Anness VI**

Direttiva 2008/105/KE

Anness II – parti B – punt da (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(da) meta jiġu stabiliti l-EQS għall-metalli, il-mudelli tal-bijodisponibbiltà għandhom jiġu kkunsidrati li jqisu diversi parametri tal-kwalità tal-ilma li jaffettwaw il-bijodisponibbiltà tal-metalli.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jeħtiġilhom jużaw għodod ta' kejl tal-ħoss.*